

Brussell, 8 ta' April 2022
(OR. en)

8064/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0104(COD)

ENV 339
COMER 41
SAN 216
AGRI 148
MI 276
COMPET 229
CONSOM 86
IND 112
ENT 47
CODEC 472
IA 40

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 156 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 156 final.

Mehmuż: COM(2022) 156 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.4.2022
COM(2022) 156 final

2022/0104 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

**d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010
dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-
Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 169 final} - {SWD(2022) 110 final} - {SWD(2022) 111 final} -
{SWD(2022) 112 final}

WERREJ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI.....	3	
1. KUNTEST TAL-PROPOSTA.....	3	
2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ.....	9	
3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET <i>EX POST</i> , TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT.....	10	
4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI.....	13	
5. ELEMENTI OĦRA	14	
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL		
li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f' landfill	20	
DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA.....		51
1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	51	
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	51	
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i).....	51	
1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':	51	
1.4. Objettiv(i)	51	
1.4.1. Objettiv(i) ġenerali.....	51	
1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi	51	
1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija	52	
1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni	52	
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva	53	
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva.....	53	
1.5.2. Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni.	54	
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi	54	
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra	55	

1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	55
1.6.	Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva	58
1.7.	Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i	58
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI.....	58
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar	58
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll.....	59
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta.....	59
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	59
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' error (mal-ħlas u fl-għeluq)	59
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet	59
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	59
3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i	59
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet.....	60
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	60
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali -.....	64
3.2.3.	Impatt stmat fuq ir-riżorsi tal-ECHA.....	66
3.2.3.1.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani fil-Kummissjoni	67
3.2.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	67
3.2.5.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi	68
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul	68

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (“l-IED”)¹ tirregola l-impatti ambjentali ta’ madwar 52 000 mill-installazzjonijiet industrijali fuq skala kbira u b’riskju għoli ta’ tniġġis u mill-azjendi agrikoli tal-bhejjem (“installazzjonijiet agroindustrijali”) b’mod integrat, fuq bażi ta’ settur b’settur. Hija tkopri s-sustanzi niġġiesa rilevanti kollha li potenzjalment joħorġu minn installazzjonijiet agroindustrijali li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. L-installazzjonijiet regolati mill-IED jammontaw għal madwar 20 % tal-emissjonijiet globali ta’ sustanzi niġġiesa tal-UE skont il-massa fl-arja, madwar 20 % tal-emissjonijiet ta’ sustanzi niġġiesa fl-ilma u madwar 40 % tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra (GHG). L-attivitajiet regolati mill-IED jinkludu l-impjanti tal-enerġija, ir-raffineriji, it-trattament tal-iskart u l-inċinerazzjoni, il-produzzjoni tal-metalli, is-siment, il-ħġieġ, is-sustanzi kimiċi, il-polpa u l-karta, l-ikel, u x-xorb, u t-trobbija intensiva tal-majjali u tat-tjur. Installazzjoni regolata mill-IED tista’ twettaq diversi attivitajiet tal-IED, eż. il-produzzjoni tas-siment u l-koinċinerazzjoni tal-iskart.

L-evalwazzjoni tal-2020² tal-IED kkonkludiet li kienet ġeneralment effettiva fil-prevenzjoni u fil-kontroll tat-tniġġis fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija minn attivitajiet industrijali, u fil-promozzjoni tal-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT). L-IED naqqset sostanzjalment l-emissjonijiet ta’ sustanzi niġġiesa fl-arja u, sa ċertu punt, l-emissjonijiet fl-ilma. Dan għen ukoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fil-ħamrija mill-installazzjonijiet tal-IED. Għalkemm l-impatti tagħha fuq l-effiċjenza fir-riżorsi, fuq l-ekonomija ċirkolari u fuq l-innovazzjoni huma aktar diffiċli biex jiġu vvalutati, id-Direttiva tidher li għamlet kontribut pożittiv, għalkemm ta’ daqs limitat. Hija għamlet ukoll kontribut limitat għad-dekarbonizzazzjoni, fi ħdan ir-restrizzjonijiet li bħalissa jinsabu fuq l-IED. Aspetti oħra, bħall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u l-aċċess għall-ġustizzja, tjiebu meta mqabbla mal-leġislazzjoni preċedenti li l-IED issostitwiet.

Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat ukoll diversi oqsma għal titjib, fid-dawl ta’ sfidi ġodda. Din uriet li, filwaqt li ttiprovdi qafas sod, id-Direttiva mhijiex qiegħda tiġi implimentata b’mod konsistenti madwar l-Istati Membri, b’livelli differenti ta’ ambizzjoni li jipprevjenu lill-istrument milli jilħaq bis-siġh l-objettivi tiegħu. Dawn l-isfidi jimminaw il-kapaċità tad-Direttiva li tnaqqas il-pressjonijiet ambjentali eżerċitati minn installazzjonijiet agroindustrijali u li tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi li jipprovdu livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Kif konkluż mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw ukoll il-kapaċità tal-IED li timplimenta l-prinċipju ta’ “min iniġġes iħallas” b’mod xieraq.

¹ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis); ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119.

² Commission Staff Working Document Evaluation of the Industrial Emissions Directive (IED); SWD(2020) 181 final.

Sabiex tindirizza dawk l-isfidi u tincentina t-trasformazzjoni industrijali profonda meħtieġa bejn l-2025 u l-2050, il-Kummissjoni impenjat ruħha fil-Patt Ekoloġiku Ewropew³ (EGD) li tirrevedi l-miżuri tal-UE biex tindirizza t-tniġġis minn installazzjonijiet agroindustrijali kbar. Barra minn hekk, l-Unjoni hija impenjata li ssegwi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli⁴ u lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha⁵. Din il-proposta tikkontribwixxi għal diversi SDGs.

L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tgħin, bl-aktar mod effettiv u effiċjenti, tiproteġi l-ekosistemi u s-saħħa tal-bniedem mill-effetti negattivi tat-tniġġis minn installazzjonijiet agroindustrijali kbar u ttejjeb ir-reżiljenza tal-industrija tal-UE għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Ir-reviżjoni tal-IED għandha l-għan li tistimula trasformazzjoni agroindustrijali profonda lejn tniġġis żero permezz tal-użu ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji, u b'hekk tikkontribwixxi għall-objettivi tal-EGD li tintlaħaq in-newtralità tal-karbonju, effiċjenza enerġetika akbar, ambjent mhux tossiku u ekonomija ċirkolari. Għandha wkoll l-għan li tkompli tappoġġa l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi kompetittivi li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tal-IED se tfittex li timmodernizza u tissimplifika l-leġislazzjoni attwali, pereżempju permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-titjib tal-għarfien dwar is-sorsi tat-tniġġis. L-inizjattiva se timmira wkoll li ttejjeb il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u li żżid l-aċċess għall-informazzjoni u l-ġustizzja, inkluż għal mekkaniżmi effettivi ta' rimedju.

B'mod aktar speċifiku, ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha l-ħsieb li:

- i. ittejjeb l-effettività tal-IED fil-prevenzjoni jew, meta ma jkunx prattiku, timminimizza l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa minn installazzjonijiet agroindustrijali fis-sors, kif muri minn xejriet kontinwi jew aċċellerati ta' tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet, tevita jew tnaqqas l-impatti negattivi fuq is-saħħa u l-ambjent, filwaqt li tqis l-istat tal-ambjent fiż-żona affettwata minn dawn l-emissjonijiet;
- ii. tiżgura l-aċċess minn individwi privati u mis-soċjetà ċivili għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-aċċess għall-ġustizzja (inkluż rimedju effettiv) fir-rigward tal-ġhoti ta' permessi, l-operat u l-kontroll tal-installazzjonijiet regolati, li jirriżultaw f'azzjoni akbar tas-soċjetà ċivili;
- iii. tiċċara u tissimplifika l-leġislazzjoni u tnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li tippromwovi l-konsistenza tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri;
- iv. tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji u metodi tekniċi innovattivi matul it-trasformazzjoni industrijali li għaddejja, billi tirrevedi d-dokumenti ta' referenza tal-BAT (BREFs) mingħajr dewmien, meta jkun hemm evidenza li jkunu saru disponibbli metodi tekniċi innovattivi li jkunu qed irendu aħjar, u tiżgura permessi li jappoġġaw lil dawk li jinsabu quddiem nett;
- v. tappoġġa t-tranżizzjoni lejn l-użu ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri u inqas tossiċi, effiċjenza mtejbja fir-riżorsi (l-enerġija, l-ilma u l-prevenzjoni tal-iskart) u ċirkolarità akbar;

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final.

⁴ https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E.

⁵ <https://sdgs.un.org/goals>.

- vi. tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni billi trawwem sinerġiji fl-użu ta' u investimenti f'metodi tekniċi li jipprevjenu jew inaqqsu t-tniġġis u l-emissjonijiet tal-karbonju, kif muri mill-akkoppjament tax-xejriet fl-intensitajiet tal-emissjonijiet;
- vii. tindirizza l-impatti dannużi fuq is-saħħa u l-ambjent minn attivitajiet agroindustrijali li bħalissa mhumiex regolati mill-IED, kif muri mit-tnaqqis fix-xejriet tal-intensità tal-emissjonijiet.

Il-Kunsill⁶ u l-Parlament Ewropew^{7,8,9} laqgħu r-reviżjoni tal-IED u esprimew l-aspettattivi tagħhom li din ir-reviżjoni jenħtieġ li tindirizza l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja minn attivitajiet industrijali u agrikoli u tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari, inkluż billi tippromwovi l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-industrija^{10,11}. Il-Panel ta' Ċittadini Ewropej dwar it-tibdil fil-klima u l-ambjent adotta rakkomandazzjonijiet ċari f'dan ir-rigward fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa¹². F'dak il-kuntest, iċ-ċittadini Ewropej esprimew appoġġ ċar għall-UE biex tindirizza t-tniġġis tal-ilma, tal-ħamrija u tal-arja u biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan, u jenfasizzaw ir-responsabbiltajiet tan-niġġiesa.

Il-Grupp ta' Livell Għoli ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar l-industriji intensivi fl-Enerġija, li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar politiki rilevanti għall-industriji intensivi fl-enerġija mill-2015, żviluppa masterplan¹³ li jstabilixxi rakkomandazzjonijiet biex jinbena l-qafas ta' politika meħtieġ għall-ġestjoni ta' din it-tranżizzjoni filwaqt li jżomm lill-industrija kompetittiva. Huwa rakkomanda li *l-proċess għall-permessi tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jenħtieġ li jiġi adattat biex jappoġġa miżuri għat-tnaqqis tal-gassijiet serra f'installazzjonijiet b'użu intensiv tal-enerġija matul it-tranżizzjoni.*

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-EGD huwa l-istrateġija ta' tkabbir tal-Ewropa biex tiġi żgurata ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari sal-2050, jiġu ottimizzati l-ġestjoni tar-riżorsi u l-effiċjenza enerġetika, u jiġi minimizzat it-tniġġis, filwaqt li tiġi rikonossuta l-ħtieġa għal politiki trasformattivi fil-fond f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel". L-istrateġija tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà¹⁴ ta' Ottubru 2020 u l-pjan ta'

⁶ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2020 (6650-2020).

⁷ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali: Id-Direttiva 2004/107/KE u d-Direttiva 2008/50/KE (2020/2091(INI)).

⁸ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)).

⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar strateġija industrijali ġdida għall-Ewropa (2020/2076(INI)).

¹⁰ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2021 (9419/21).

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva", COM/2020/98 final.

¹² <https://futureu.europa.eu/pages/about>

¹³ *Ara Masterplan for a competitive transformation of EU energy-intensive industries enabling a climate-neutral, circular economy by 2050*, disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/be308ba7-14da-11ea-8c1f-01aa75ed71a1/language-mt>.

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final.

azzjoni għal tniġġis zero¹⁵ adottat f'Mejju 2021 jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-EGD. B'mod parallel, l-istrateġija industrijali l-għdida għall-Ewropa¹⁶ tenfasizza l-ħtieġa għar-riċerka, għall-innovazzjoni u għall-investimenti għal teknoloġiji ġodda biex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali tal-Ewropa u tiġi ffaċilitata l-bidla tal-industrija għal ekonomija verament sostenibbli, aktar ekoloġika, effiċjenti u aktar diġitali. Il-verżjoni aġġornata ta' Mejju 2021 ta' din l-istrategija¹⁷ tenfasizza ulterjorment ir-rwol potenzjali tat-teknoloġiji trasformattivi.

Politiki oħra partikolarment rilevanti jinkludu l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %"¹⁸, l-istrateġija tal-metan¹⁹ u l-wegħda ta' Glasgow b'rabta mal-metan, l-istrateġija tal-adattament għat-tibdil fil-klima²⁰, l-istrateġija tal-bijodiversità²¹, l-istrateġija "mill-għalqa sal-platt"²², l-istrateġija tal-ħamrija²³ u l-inizjattiva dwar il-prodotti sostenibbli²⁴.

Fl-EGD, il-Kummissjoni timpjenja ruħha li tirrevedi l-miżuri tal-UE biex tindirizza t-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar. Dan tagħmlu b'mod partikolari billi tħares lejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u lejn kif il-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam issir konsistenti bis-sħiħ mal-ambizzjoni ta' tniġġis zero, u l-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji kemm għas-saħħa pubblika kif ukoll għall-bijodiversità. L-IED u r-Regolament (KE) Nru 166/2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti ("ir-Regolament dwar il-PRTR Ewropew")²⁵ huma strumenti komplementari li jirregolaw l-impatt ambjentali tal-industrija. L-IED għandha l-għan li tiżgura tnaqqis progressiv fit-tniġġis mill-akbar installazzjonijiet

¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

¹⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Industrijali Għdida għall-Ewropa COM(2020) 102 final.

¹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Għdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa COM(2021) 350 final.

¹⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika COM/2021/550 final.

¹⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan COM(2020) 663 final.

²⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM(2021) 82 final

²¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna COM(2020) 380 final.

²² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent COM(2020) 381 final.

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima COM(2021) 699 final.

²⁴ COM(2022) 142

²⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE; ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1-17.

agroindustrijali tal-UE²⁶, filwaqt li tippreserva kundizzjonijiet ekwi kompetittivi. Ir-Regolament dwar il-PRTR Ewropew jiffaċilita l-monitoraġġ tal-isforzi għat-tnaqqis tat-tniġġis billi jtejjeb l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-prestazzjoni attwali tal-installazzjonijiet.

Din il-leġislazzjoni għandha rabtiet ma' ħafna politiki oħra peress li tfittex li tindirizza l-pressjonijiet ambjentali minn installazzjonijiet agroindustrijali b'mod olistiku.

L-IED kellha rwol importanti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-industrija, speċjalment fl-arja, iżda tat kontribut aktar limitat għall-ekonomija ċirkolari (effiċjenza fir-riżorsi) u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma.

L-ilma huwa wieħed mit-tliet pilastri ewlenin tal-“pjan ta' azzjoni għal tniġġis zero”, li għandu l-għan li jikseb soċjetà ħielsa mit-tossini sal-2050, bit-tniġġis jitnaqqas għal zero, jew għal livelli li ma għadhomx ta' ħsara għan-natura u għall-bnedmin. Dan jimplika azzjoni mhux biss downstream, bħal fil-livell tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, iżda wkoll upstream, fejn jiġu prodotti u użati s-sustanzi. Din il-proposta għar-reviżjoni tal-IED hija konsistenti mal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ilma, b'mod partikolari d-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-ilma²⁷), u ż-żewġ direttivi relatati tagħha, id-Direttiva 2006/118/KE (dwar l-ilma ta' taħt l-art²⁸) u d-Direttiva 2008/105/KE, kif emendata mid-Direttiva 2013/39/KE, dwar l-istandards tal-kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma²⁹.

Il-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ilma tobbliga lill-Istati Membri jevitaw id-deterjorament fl-istatus tal-korpi kollha tal-ilma u li jiksbu status tajjeb għall-korpi kollha tal-ilma, permezz ta' sistema ta' ġestjoni integrata tal-ilma għal kull baċir tax-xmara. Permezz ta' ċikli ta' ġestjoni ta' sitt snin, l-istatus ekoloġiku u kimiku (ilmijiet tal-wiċċ) u l-istatus kwantitattiv u kimiku (ilma ta' taħt l-art) huma vvalutati u huma ppjanati miżuri biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet kollha fuq il-korpi tal-ilma, inkluż mill-agrikoltura, mill-industrija, mill-unitajiet domestiċi u minn attivitajiet ekonomiċi oħra (inklużi n-navigazzjoni, il-protezzjoni kontra l-għargħar u l-enerġija idroelettrika). Fid-dawl tal-pjan ta' azzjoni għal tniġġis zero, il-Kummissjoni ħabbret li se tfassal proposta fl-2022 biex tkompli tissikka r-regoli dwar is-sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, bħala parti minn proposta leġislattiva dwar “il-ġestjoni integrata tal-ilma”.

Il-proposta tal-IED tikkomplementa dawn l-inizjattivi billi, fost l-oħrajn, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, thegħgeġ l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija, tippromwovi l-użu mill-ġdid tal-ilma, tiżgura rekwiżiti ta' permessi kkontrollati aħjar u aktar integrati, u tintroduċi sistema obbligatorja ta' ġestjoni ambjentali. Il-proposta se ssaħħaħ l-approċċ integrat billi tiċċara r-

²⁶ L-espressjoni “installazzjonijiet agroindustrijali” tintuża biex tkopri t-tipi kollha ta' attivitajiet li jistgħu jiġu regolati mill-IED, inkluż b'mod partikolari l-industriji intensivi fl-enerġija u l-bhejjem tat-trobbija.

²⁷ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma; ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1-73.

²⁸ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament; ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19-31.

²⁹ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84-97.

rekwiżiti għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Din il-kooperazzjoni tinkludi r-rieżami u l-aġġornament tal-permessi, skont l-istatus tal-ambjent riċeventi, u/jew il-miżuri ta' ppjanar biex jikkonformaw mal-istandards, l-oġġettivi, il-pjanijiet u l-programmi tal-kwalità ambjentali skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ilma. Se tinħoloq ukoll koerenza akbar billi jiġu ċċarati r-regoli li japplikaw għar-rilaxx indirett ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma permezz ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban. It-trawwim tal-innovazzjoni se jgħin biex jiġu indirizzati sustanzi kimiċi persistenti u sustanzi li għadhom kif ġew identifikati bħala sors ta' tħassib, inklużi sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS), mikroplastiks u farmaċewtiċi. Dan huwa konsistenti mal-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà, mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar approċċ strateġiku għall-farmaċewtiċi fl-ambjent³⁰ u mal-Komunikazzjoni dwar strateġija farmaċewtika³¹.

Il-proċess ta' "skambju ta' informazzjoni" skont l-IED biex jitfasslu u jiġu rieżaminati dokumenti ta' referenza tal-Aħjar Metodi Tekniċi Disponibbli (BREFs) jenħtieġ li jqis l-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma. B'mod partikolari, dawn jinkludu "listi ta' sorveljanza" ta' sustanzi għall-ilma ta' taħt l-art u għall-ilma tal-wiċċ, u sustanzi identifikati bħala li possibbilment jippreżentaw riskju sinifikanti għal jew permezz tal-ambjent akkwatiku fil-livell tal-UE.

L-iskambju ta' informazzjoni skont l-IED se jkun ta' benefiċċju wkoll għall-iżvilupp ta' miżuri għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma u għall-kunsiderazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-ilma minn installazzjonijiet agroindustrijali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari³², li jimpenja ruħu li jippromwovi l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-industrija. Ir-Regolament (UE) 2020/741 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma³³, adottat f'Mejju 2020, japplika għall-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola iżda jenfasizza wkoll il-potenzjal kbir għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' ilma mormi ttrattat għal skopijiet industrijali, bħala parti mill-ġestjoni integrata tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari.

Billi tirregola ċerti attivitajiet fis-sors, l-IED tappoġġa lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE li tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali, bħad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali³⁴. Hija tappoġġa wkoll lill-Istati Membri biex jilhq u l-oġġettivi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi miri

³⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent COM(2019) 128 final.

³¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa COM(2020) 761 final.

³² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva COM(2020) 98 final.

³³ Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma; ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32-55.

³⁴ Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa; ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1-44.

nazzjonali, bħad-Direttiva dwar l-Impenji Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet³⁵, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi³⁶, u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika³⁷.

Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT tal-IED intużaw biex jiġu ddefiniti l-kriterji tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għall-Att Delegat dwar it-Tassonomija fir-rigward tal-Klima³⁸. Il-miżuri proposti ta' reviżjoni tal-IED se jkomplu jappoġġaw it-tassonomija tal-UE dwar l-investimenti sostenibbli maż-żmien billi jistabbilixxu kriterji addizzjonali u aġġornati. Dawn il-kriterji se jiġu ddeterminati bil-għan li jagħtu kontribut sostanzjali għall-prevenzjoni u għall-kontroll tat-tniġġis, bl-oġġettiv addizzjonali li jgħinu lill-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli tiddefinixxi liema attivitajiet jistgħu jissejħu sostenibbli.

Fl-aħħar nett, l-IED tgħin biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali, tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' leġiżlazzjoni settorjali oħra tal-UE inkluż fir-rigward tar-REACH, l-iskart, u l-protezzjoni tan-natura.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tmien programm ta' azzjoni ambjentali³⁹ jiffoka fuq sitt oġġettivi prijoritarji interkonnessi. Fost dawn hemm:

- L-Artikolu 2(d) – it-twettiq ta' tniġġis żero, inkluż fir-rigward ta' sustanzi kimiċi ta' ħsara, sabiex jinkiseb ambjent ħieles mit-tossini, inklużi l-arja, l-ilma u l-ħamrija. Dan għandu l-għan ukoll li jnaqqas it-tniġġis tad-dawl u tal-istorbju, u jiproteġi s-saħħa u l-benesseri tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi minn riskji relatati mal-ambjent u minn impatti negattivi.
- L-Artikolu 2(f) – il-promozzjoni tal-aspetti ambjentali tas-sostenibbiltà u t-tnaqqis sinifikanti tal-pessjonijiet ambjentali u klimatiċi ewlenin relatati mal-produzzjoni u l-konsum tal-UE. Dan huwa partikolarment relatat mal-oqsma tal-enerġija, l-industrija, il-bini u l-infrastruttura, il-mobbiltà, it-turiżmu, il-kummerċ internazzjonali u s-sistema tal-ikel.

Il-proposta tal-IED se tgħin biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.

³⁵ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE; ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1-31.

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013; ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26-42.

³⁷ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE; ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1-56.

³⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġġettivi ambjentali l-oħra; C/2021/2800 final.

³⁹ Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030; COM/2020/652 final.

Ir-realtà ġeopolitika u tas-suq tal-enerġija l-ġdida teħtieġ li l-Unjoni tħaffef drastikament it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u żżid l-indipendenza enerġetika tal-Ewropa minn fornituri mhux affidabbli u fjuwils fossili volatili. Bħala parti mir-rispons tal-UE għall-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna tal-2022, l-inizjattiva REPowerEU⁴⁰ għandha l-għan li żżid ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija madwar l-UE permezz ta' diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass u tnaqqis fl-użu tal-fjuwils fossili billi tagħti spinta lill-effiċjenza enerġetika, iżżid l-enerġija rinnovabbli u l-elettrifikazzjoni, u l-indirizzar tal-konġestjonijiet infrastrutturali. Ir-reviżjoni tad-Direttiva tikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija madwar l-UE permezz tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-proċessi industrijali fl-Unjoni.

Din id-Direttiva proposta hija proġett pilota, li jsegwi l-approċċ ta' "One In, One Out" tal-Kummissjoni biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. Ir-rapport ta' appoġġ dwar il-valutazzjoni tal-impatt jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-piż amministrattiv mistenni tal-proposta. It-taqsimha ta' dan il-memorandum dwar l-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni tiddekrivi l-miżuri proposti biex jiġi limitat il-piż amministrattiv tal-proposta.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-TFUE. F'konformità mal-Artikolu 191 u 192(1) tat-TFUE, l-UE hija meħtieġa tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi li ġejjin: il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u li jiġġieldu t-tibdil fil-klima.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-oġġettivi ta' din id-Direttiva li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u li ttejjeb il-kwalità ambjentali madwar l-Unjoni ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri. Minħabba n-natura transkonfinali tat-tniġġis mill-attivitajiet industrijali, dawn l-oġġettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE, u dan jiġġustifika l-adozzjoni mill-UE ta' miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

It-tniġġis minn installazzjonijiet agroindustrijali jinxtered bejn il-fruntieri nazzjonali u l-kontroll tat-tniġġis ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti minn Stat Membru wieħed waħdu. Barra minn hekk, it-tħaddim ta' impjanti industrijali huwa marbut mill-qrib mal-funzjonament tas-suq uniku. Fin-nuqqas ta' approċċ mifruq madwar l-UE għall-istabbiliment ta' standards ta' prestazzjoni ambjentali, l-istess industriji jiffaċċjaw regolamenti differenti dwar il-kontroll tat-tniġġis f'kull Stat Membru, bir-riskju li jinħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi, jiġi frammentat is-suq uniku u jiġu mfixkla l-isforzi tal-UE biex tilħaq l-oġġettiv tat-Trattat li tikseb livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem.

⁴⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affidabbli, sikura u sostenibbli; COM(2022) 108 final.

- **Proporzjonalità**

Id-disinn tal-IED jiżgura l-proporzjonalità tal-eżiti billi (i) jiddefinixxi l-BAT bħala l-aktar firxa ambjentalment effettiva u ekonomikament vijabbli ta' metodi tekniċi mixhuda bi prova użati f'settur, u (ii) jippermetti derogi f'każijiet individwali jekk l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-BAT madwar l-UE twassal għal kostijiet li jkunu oġġla b'mod sproporzjonat mill-benefiċċji ambjentali/tas-saħħa mistennija.

Il-valutazzjoni tal-impatt ta' sostenn tivvaluta l-impatti tar-reviżjonijiet proposti kollha tal-IED. Twettqet kemm valutazzjoni kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva li turi li l-proposti huma proporzjonati, jiġifieri li l-benefiċċji għas-soċjetà huma oġġla b'mod sinifikanti mill-kostijiet imġarrba.

Il-miżuri bl-akbar impatt ġew identifikati bħala li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni biex ikopru l-azjendi agrikoli tal-bhejjem tal-ifrat u għadd akbar ta' azjendi agrikoli tal-majjali u tat-tjur. Il-benefiċċji monetizzati għas-saħħa u għall-ambjent minn tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan u tal-ammonijaka huma vvalutati għal aktar minn EUR 5,5 biljun fis-sena, filwaqt li l-kostijiet ta' konformità huma ta' EUR 265 miljun u l-kostijiet amministrattivi (amministrazzjonijiet u operaturi) huma ta' EUR 223 miljun, li jirriżultaw f'fattur ta' kost-benefiċċju kbir ta' 11.

- **Għażla tal-istrument**

L-oġġettivi tal-proposta jistgħu jiġu segwiti bl-aħjar mod permezz ta' Direttiva. Dan huwa l-aktar strument legali xieraq biex isiru emendi għad-Direttiva eżistenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali (id-Direttiva 2010/75/UE).

Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jilhqqu l-oġġettivi tagħhom u jimplementaw il-miżuri fis-sistemi legali sostantivi u proċedurali nazzjonali tagħhom. Dan l-approċċ jagħti lill-Istati Membri aktar libertà meta jimplementaw miżura tal-UE milli jagħmel Regolament, fis-sens li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu l-aktar mezz xieraq biex jimplementaw il-miżuri fid-Direttiva. Dan jippermetti lill-Istati Membri jiżguraw li r-regoli emendati jkunu inkorporati fil-qafas legali sostantiv u proċedurali tagħhom għall-implimentazzjoni tal-IED tal-UE, b'mod partikolari dak li jirregola l-permessi għall-installazzjonijiet u l-miżuri u l-penali ta' infurzar.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tal-IED imwettqa fl-2020⁴¹ sabet li kienet effettiva fit-tnaqqis tal-impatti ambjentali u tad-distorsjonijiet kompetittivi fl-UE. Il-proċess kollaborattiv għall-produzzjoni tal-BREFs u għall-identifikazzjoni tal-BAT, magħruf ukoll bħala l-“proċess ta' Sevilla”, ħadem tajjeb u huwa rikonoxxut bħala mudell ta' governanza kollaborattiva.

L-IED wasslet għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja u, sa ċertu punt, fl-ilma. Dan naqqas l-emissjonijiet fil-ħamrija mill-installazzjonijiet tal-IED. L-impatti tagħha fuq l-effiċjenza fir-riżorsi, l-ekonomija ċirkolari u l-innovazzjoni huma aktar diffiċli

⁴¹ Supra Nru 2

biex jiġu vvalutati; jidher li dan għamel kontribut pożittiv ta' daqs limitat. Aspetti oħra, bħall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u l-aċċess għall-ġustizzja, tjiebu xi ftit.

L-IED ġiet evalwata bħala fil-biċċa l-kbira effiċjenti. Il-benefiċċji tal-konklużjonijiet tal-BAT jisbqu sostanzjalment il-kostijiet. Ma ġie identifikat l-ebda kost amministrattiv sproporzjonat jew mhux meħtieġ. Hemm impatti mħallta fuq il-kompetittività tal-UE; l-ebda evidenza ma turi li dawn huma sinifikanti.

Il-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati qiesu l-IED rilevanti. Din tista' twieġeb għal kwistjonijiet ambjentali emerġenti, minkejja t-tul tal-proċess ta' BREF. Filwaqt li l-IED ma kkontribwietx ħafna għad-dekarbonizzazzjoni, il-fehmiet iwarjaw dwar jekk hijiex rilevanti għal dan.

L-IED ġiet evalwata bħala koerenti internament u ma' politiki oħra tal-UE, madankollu hemm lok għal kontribuzzjoni akbar għalihom. Xi sfidi ta' interpretazzjoni jeħtieġu kjarifika.

L-IED tqieset li tippovdi valur miżjud sinifikanti tal-UE. Dan jiżgura rekwiżiti aktar konsistenti biex jitnaqqas it-tniġġis industrijali, inkluż permezz tal-monitoraġġ u l-infurzar, u jitnaqqas d-distorsjonijiet tas-suq uniku. In-nuqqas ta' azzjoni tal-UE kien iwassal għal standards inqas esiġenti u inqas benefiċċji għas-saħħa u għall-ambjent. Il-proċess tal-BREF mhux replikabbli minn Stati Membri individwali, u qed jintuża dejjem aktar minn pajjiżi mhux tal-UE. L-approċċ deċentralizzat tal-IED huwa konsistenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

L-evalwazzjoni identifikat għadd ta' oqsma fejn il-prestazzjoni tal-IED ma tidhirx li hija sodisfaċenti daqskemm mixtieq fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, speċjalment fl-ilma, il-kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-promozzjoni tal-produzzjoni mhux tossika, u t-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-użu mill-ġdid. Dawn l-oqsma huma ċentrali għar-reviżjoni tal-IED imħabbra fil-Komunikazzjoni tal-EGD.

• **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja r-reviżjoni kkombinata tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) u r-Regolament dwar il-PRTR Ewropew kienet soġġetta għal proċess ta' konsultazzjoni bir-reqqa. Dan kien jinkludi varjetà ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni differenti mmirati lejn il-ġbir tal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u l-iżgurar li jitqiesu l-fehmiet ta' organizzazzjonijiet u tipi ta' partijiet ikkonċernati differenti.

L-ewwel nett, inġhata feedback inizjali dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu ppubblikata permezz tal-portal interattiv tal-Kummissjoni "Semma' Leħnek" (154 tweġiba; perjodu ta' konsultazzjoni mill-24 ta' Marzu 2020 sal-21 ta' April 2020). Dan kien segwit minn konsultazzjoni pubblika konġunta dwar l-IED u l-PRTR Ewropew (sħarriġ online permezz tal-portal interattiv tal-Kummissjoni "Semma' Leħnek"; 336 tweġiba; mill-20 ta' Diċembru 2020 sat-23 ta' Marzu 2021). L-istħarriġ kien fih 24 mistoqsija, li erbgħa minnhom kienu relatati speċifikament mal-PRTR Ewropew.

Imbagħad, sar sħarriġ immirat tal-partijiet ikkonċernati mit-8 ta' Frar sad-9 ta' April 2021. Dan kien jikkonsisti fi sħarriġ online ta' natura aktar dettaljata (235 tweġiba), biex tittejjeb aktar il-bażi tal-evidenza billi jinġabar feedback aktar speċjalizzat minn gruppi speċifiċi ta' partijiet ikkonċernati dwar sitt oqsma problematiċi, miġbura skont l-għażliet li qed jiġu kkunsidrati fl-istudju tal-valutazzjoni tal-impatt.

Dawn l-oqsma problematiċi kienu kif ġej: i) l-ambjent huwa mniġġes; ii) qed isseħħ kriżi klimatika; iii) ir-riżorsi naturali qegħdin jiġu eżawriti; iv) il-metodi tekniċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ma jistgħux jirrispondu b'mod sodisfaċenti għall-oqsma problematiċi i) sa iii); v) l-individwi privati għandhom opportunitajiet limitati biex jiġu infurmati dwar l-impatti

kkawżati minn impjanti agroindustrijali u jieħdu azzjoni dwarhom; u vi) il-piżijiet eċċessivi jistgħu jaffettwaw l-effiċjenza tal-istrument ta' politika.

Il-feedback li wasal permezz ta' dawk l-istħarriġiet ġie kkomplementat ukoll billi ġew ikkonsultati l-gruppi fokali, f'Ġunju-Awwissu 2021, biex il-partijiet ikkonċernati jiġu involuti f'diskussjonijiet aktar fil-fond dwar temi ewlenin. Il-partijiet ikkonċernati ntgħażlu abbażi tar-rappreżentanza settorjali tagħhom u biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika u tat-tip ta' partijiet ikkonċernati tajba bejn l-NGOs ambjentali, ir-rappreżentanti tal-industrija u l-ministeri u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, biex ikunu jistgħu jsiru diskussjonijiet ibbilanċjati.

Fl-aħħar nett, saru żewġ workshops tal-partijiet ikkonċernati mill-bogħod, fil-15 ta' Diċembru 2020 u fis-7-8 ta' Lulju 2021.

Is-soċjetà ċivili u l-NGOs ambjentali qiesu l-oqsma problematiċi kollha ta' hawn fuq bħala ta' rilevanza kbira, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- l-indirizzar insuffiċjenti tal-impatti ambjentali u d-dekarbonizzazzjoni mill-IED;
- il-ħtieġa li l-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-PRTR Ewropew tiġi aġġornata aktar malajr biex tqis theddid ġdid; u
- l-aċċess limitat għall-informazzjoni dwar il-livelli ta' prestazzjoni tal-installazzjonijiet.

Dan l-aċċess limitat għall-informazzjoni ġie perċepit mill-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati bħala kwistjoni importanti li jeħtieġ li tiġi indirizzata.

Madankollu, kien hemm differenzi fil-feedback mill-industrija u mill-assoċjazzjonijiet tan-negozju, li kienu aktar newtrali (iżda mhux negattivi) fir-rikonossiment ta' kwistjonijiet rigward l-effiċjenza fir-riżorsi u l-produzzjoni inqas tossika. L-assoċjazzjonijiet tal-industrija u tan-negozju kienu wkoll aktar newtrali fir-rikonossiment tal-ħtieġa li tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni, filwaqt li ġew enfasizzati l-kostijiet addizzjonali potenzjali tar-rapportar u r-riskji ta' duplikazzjoni mal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)⁴². Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-Direttiva, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u tan-negozju nnotaw kwistjonijiet ta' kostijiet, u argumentaw li r-reġimi nazzjonali eżistenti u l-leġiżlazzjoni tal-UE huma biżżejjed biex jindirizzaw il-biċċa l-kbira tad-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom.

Il-partijiet ikkonċernati kollha qablu li l-kontribut tal-IED biex tiffaċilita, tisfrutta u tippromwovi l-innovazzjoni kien limitat wisq.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt, li rriżultat f'opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju⁴³ datata l-10 ta' Diċembru 2021.

Ġew proposti u vvalutati ħames għażliet ta' politika parzjalment interkonnessi iżda indipendenti; is-subgħażliet magħżula għal kull qasam problematiku nġabru flimkien biex jiffurmaw il-pakkett ta' politika preferut li ġej:

- Effettività: implimentazzjoni sħiħa ta' 24 miżura ta' ottimizazzjoni u ta' aġġornament.

⁴² Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE; ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32–46.

⁴³ Ares(2021)7643865 – 10/12/2021

- Innovazzjoni: dawk li jinsabu quddiem nett għandhom il-libertà li jittestjaw metodi tekniċi ġodda, flimkien mal-istabbiliment ta' ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali (INCITE) u l-pjanijiet ta' trasformazzjoni tal-operaturi għall-2030.
- Użu tar-riżorsi u sustanzi kimiċi: sistema mtejbja ta' ġestjoni ambjentali.
- Dekarbonizzazzjoni: se jiġu introdotti livelli minimi tal-effiċjenza enerġetika, biex tiġi massimizzata l-effiċjenza enerġetika u jiġi minimizzat il-konsum tal-enerġija. Fl-2028 se jsir rieżami tas-sinerġiji bejn l-IED u l-ETS, li tippermetti l-aħjar sinerġiji mill-2030 'il quddiem.
- Kamp ta' applikazzjoni settorjali: attivitajiet addizzjonali se jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IED, prinċipalment trobbija intensiva tal-bhejjem tal-ifrat, u ċerti attivitajiet estrattivi.

L-impatti tal-pakkett preferut huma mistennija li jkunu kif ġej. B'mod ġenerali, il-benefiċċji huma mistennija li jisbqu b'mod konsiderevoli l-kostijiet.

Filwaqt li ma kienx possibbli li jiġu kkwantifikati u stmati fi flus l-impatti kollha, huwa stmat li s-sett ta' miżuri li jagħmlu d-Direttiva aktar effettiva għandu benefiċċji fuq is-saħħa ta' bejn EUR 860 miljun u EUR 2,8 biljun fis-sena, b'kostijiet CAPEX/OPEX annwali tan-negozju ta' madwar EUR 210 miljuni.

Il-piż amministrattiv ġenerali tal-proposta kollha huwa stmat għal EUR 250 miljun fis-sena għall-operaturi industrijali u għal EUR 196 miljun fis-sena għall-awtoritajiet pubbliċi.

L-estensjoni tal-kopertura tal-azjendi agrikoli tal-bhejjem tirriżulta fi tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan u tal-ammonijaka, b'benefiċċji tas-saħħa relatati ta' aktar minn EUR 5,5 biljun fis-sena. Kopertura estiża tal-akbar 10 % tal-azjendi agrikoli tal-bhejjem tal-ifrat, li tirrappreżenta 41 % tal-emissjonijiet tas-settur, se twassal għal tnaqqis annwali ta' mill-inqas 184 kt ta' metan u ta' 59 kt ta' ammonijaka. L-estensjoni tal-kopertura tal-azjendi agrikoli tal-ħnieżer u tat-tjur għall-akbar 18 % tal-azjendi agrikoli tal-ħnieżer u 15 % tal-azjendi agrikoli tat-tjur, li jirrappreżentaw rispettivament 85 % u 91 % tal-emissjonijiet tas-setturi, se tnaqqas l-emissjonijiet annwali tal-anqas b'135 kt metan u 33 kt ammonijaka mill-azjendi agrikoli tal-ħnieżer, u 62 kt ammonijaka mill-azjendi agrikoli tat-tjur. Dan il-kamp ta' applikazzjoni miżjud se jtejjeb il-kopertura tal-IED minn 18 sa 60 % tal-emissjonijiet tal-ammonijaka bit-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat, tal-ħnieżer u tat-tjur; u minn 3 % sa 43 % tal-emissjonijiet tal-metan. Il-kostijiet tal-konformità relatati huma stmati li jkunu madwar EUR 265 miljun fis-sena.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar, din il-proposta ttejjiet b'mod inklużiv, abbażi ta' trasparenza sħiħa u impenn kontinwu mal-partijiet ikkonċernati, is-smiġħ tal-feedback estern u l-kunsiderazzjoni tal-iskrutinju estern biex jiġi żgurat li l-proposta tilħaq il-bilanċ it-tajjeb.

L-IED hija r-riżultat ta' inizjattiva għal regolamentazzjoni aħjar li amalgamat b'suċċess u ssimplifikat seba' Direttivi⁴⁴ u ssimplifikat aspetti amministrattivi, inkluż it-tnaqqis tar-

⁴⁴ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Dokument li jakkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (tfassil mill-ġdid) VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [COM(2007) 843 final] [COM(2007) 844 final] [SEC(2007) 1682], SEC/2007/1679 final.

rekwiżiti ta' rapportar bin-nofs⁴⁵. Filwaqt li dan jillimita l-potenzjal għal simplifikazzjoni ulterjuri, il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ppermettew lill-Kummissjoni tidentifika għadd ta' kjarifiki u simplifikazzjonijiet ulterjuri potenzjali għad-Direttiva. Dawk li jattiraw interess pożittiv mill-partijiet ikkonċernati se jsolvu inċertezzi relatati mal-proċess ta' permess.

Dan jikkonċerna b'mod partikolari, l-iċċarar ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-gassifikazzjoni, il-likwefazzjoni u l-pirolisi li huma attivitajiet importanti għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Aspetti oħrajn jinvolve s-sostituzzjoni tal-lista indikattiva tal-pollutanti fl-Anness II b'referenzi għal leġislazzjoni oħra tal-UE li tistabbilixxi listi ta' pollutanti rilevanti, u li tistabbilixxi kriterji armonizzati għall-valutazzjoni tal-konformità madwar l-UE. Iż-żewġ miżuri se jtejbu ċ-ċertezza legali fuq ir-regoli applikabbli għall-operaturi tal-IED kollha. Barra minn hekk, is-soluzzjoni ta' diskrepanzi f'approċċi ta' valutazzjoni tal-konformità użati taħt il-Kapitoli II, III u IV tal-IED se tkun ta' benefiċċju għal madwar 4 000 operatur ta' impjanti tal-kombustjoni kbar u għal inċineraturi tal-iskart kbar.

Barra minn hekk, se jiġi introdott reġim ta' għoti ta' permess separat u eħfef għal 20 000 azjenda agrikola tal-bhejjem li bħalissa huma regolati mill-IED kif ukoll għal dawk li jkunu għadhom kif inxtraw fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, l-iżgħar negozji regolati mill-IED; it-tnaqqis tal-piż amministrattiv b'EUR 113-il miljun fis-sena.

Kodifikazzjoni tal-leġislazzjoni wara li l-att rivedut ikun ġie adottat se tippermetti li jiġu eliminati d-dispożizzjonijiet li ma għadhomx jintużaw.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tresserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea⁴⁶.

Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċitar tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-oġettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

Din il-proposta tilħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn id-dritt fundamentali tal-libertà ta' intrapriża u d-dritt fundamentali tal-proprjetà u drittijiet fundamentali oħra (ambjent, saħħa, rimedju).

Il-limitazzjoni għad-dritt tal-libertà ta' intrapriża u d-dritt tal-proprjetà huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu ppreservati d-drittijiet u l-oġettivi fundamentali l-oħra ta' interess ġenerali msemmija hawn fuq f'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

Il-proposta tikkontribwixxi għall-oġettiv ta' livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta; għad-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna u s-saħħa tagħha kif stabbilit fl-Artikoli 2, 3 u 35 tal-Karta; u għad-dritt għall-protezzjoni tal-konsumatur kif stabbilit fl-Artikolu 38.

Tikkontribwixxi wkoll għad-dritt għal rimedju effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

⁴⁵ Fitness Check of Reporting and Monitoring of EU Environment Policy, SWD(2017) 230 final.

⁴⁶ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja annessa turi l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa. Il-proposta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni u għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) f'termini ta' riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa. Il-Kummissjoni se jkollha għadd akbar ta' kompiti ta' implimentazzjoni u infurzar li jirriżultaw mill-kamp ta' applikazzjoni akbar tal-attivitajiet ekonomiċi u l-aspetti ambjentali koperti mill-IED. Il-Kummissjoni se jkollha wkoll rwol akbar fil-ġestjoni taċ-ċentru tal-innovazzjoni u xogħol usa' biex tabbozza l-konklużjonijiet tal-BREF u tal-BAT, li b'kollox jeħtieġ erba' membri addizzjonali tal-persunal ekwivalenti għall-full-time.

L-ECHA se tappoġġa lill-Kummissjoni billi: (1) tagħti kontribut għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-BAT u t-metodi tekniċi emerġenti inkluż l-identifikazzjoni u l-għażla ta' sustanzi rilevanti għal kull settur, tiżviluppa Prattika tajba speċifika għas-settur għall-użu tas-sustanzi l-aktar sikuri fis-suq, u (2) tipprovi għodod u gwida għall-użu mill-operaturi tal-IED fit-tnejn tal-kapitolu dwar is-sustanzi kimiċi tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tagħhom. Dan jeħtieġ total ta' tliet membri addizzjonali tal-persunal ekwivalenti għall-full time.

Huma meħtieġa madwar EUR 8 200 000 fis-sena biex jiġi ffinanzjat l-għarfien espert meħtieġ biex il-Kummissjoni tiġi appoġġata f'għadd ta' flussi ta' xogħol relatati mal-INCITE u l-abbozzar tal-konklużjonijiet tal-BREFs u tal-BAT.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-emissjonijiet globali ta' sustanzi niġġiesa għal kull settur, abbażi tad-*data* rrapportata mill-operaturi lill-PRTR Ewropew, se jibqgħu indikaturi ewlenin għat-traċċar tal-progress skont l-oġġettivi ta' din l-inizjattiva. Ir-Regolament dwar il-PRTR Ewropew qed jiġi rivedut b'mod parallel mar-reviżjoni ta' din id-Direttiva u se jippermetti monitoraġġ futur aħjar tal-impatt tal-IED fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-industrija fil-livell tas-settur.

- Il-granularità akbar tar-rapportar tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fil-livell tal-installazzjoni se tippermetti analiżi tal-proċessi ewlenin fi ħdan setturi li l-prestazzjoni ambjentali tagħhom qiegħda titjeb jew li qiegħda taqa' lura.
- L-inklużjoni tar-rapportar tal-użu tar-riżorsi se tippermetti li jiġu identifikati indikaturi ġodda, dwar l-użu ta' materjali, ilma u enerġija, li se jippermettu li jiġi segwit titjib fl-effiċjenza fir-riżorsi.
- Aġġornament aktar dinamiku tal-lista ta' sustanzi koperti mir-Regolament dwar il-PRTR Ewropew se jippermetti li jiġu identifikati indikaturi tal-emissjonijiet għal sustanzi ta' tħassib emerġenti u attwali. Dan se jippermetti li jiġi intraċċat it-titjib fl-użu u fil-ġestjoni ta' sustanzi bħal dawn.

Dan it-titjib se jgħin ukoll biex jiġi żgurat li dan il-monitoraġġ ikun jista' jintuża b'mod effettiv fil-qafas usa' ta' monitoraġġ u prospettiva ta' tniġġis zero, li se jiġi ppubblikat kull sentejn mill-2022 'il quddiem⁴⁷. Id-*data* dwar it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija

⁴⁷ Commission Staff Working Document Towards a monitoring and outlook framework for the zero pollution ambition Accompanying the document Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the

disponibbli permezz ta' monitoraġġ tat-tniġġis żero se tgħin biex jiġu evalwati l-impatti tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IED u tar-Regolament dwar il-PRTR Ewropew.

Tħassib ċentrali fir-reviżjoni tal-IED huwa li jiġi żgurat li tintuża l-firxa kollha tal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati (AELs) mal-BAT. Is-sommarju standardizzat tal-permessi fil-futur se jagħmilha ferm aktar faċli li jinġabru l-valuri limitu tal-emissjonijiet (VLE) stabbiliti fil-permessi, permezz ta' għodod awtomatizzati tal-IT. Dan se jippermetti analiżi settur b'settur tad-distribuzzjoni tal-impjanti tal-kombustjoni fil-meded tal-BAT-AEL, fi tmiem iċ-ċikli ta' reviżjoni tal-permessi li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT u se jagħmel l-informazzjoni li tinsab fil-permessi aktar ċara għall-pubbliku.

L-iskala tal-progress fit-tnaqqis tal-emissjonijiet se tiddependi fuq: il-progress teknoloġiku; l-eżiti taċ-ċentru tal-innovazzjoni; kwalunkwe rieżami aktar frekwenti tal-BREF; u kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed bħala riżultat. Se jkun importanti wkoll li jiġi mmonitorjat kemm il-pass tal-iżvilupp kif ukoll il-pass tal-adozzjoni tal-innovazzjonijiet u t-trasformazzjoni li tirriżulta tas-setturi tal-IED meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-2050. Is-sommarju standardizzat tal-permessi se jippermetti li l-għadd ta' każijiet jiġi kkwantifikat fejn ikunu ntużaw flessibbiltajiet ġodda li jappoġġaw lil dawk li jinsabu quddiem nett fl-ittejtjar u fl-użu ta' metodi tekniċi emerġenti. L-impatti usa' fuq id-dinamika tal-innovazzjoni se jkunu aktar kumplessi biex jiġu mmonitorjati. Se jiġu stabbiliti indikaturi ġodda f'tabella ta' valutazzjoni tat-trasformazzjoni industrijali ppubblikata miċ-ċentru tal-innovazzjoni. Iċ-ċentru jista' jiżviluppa indikaturi bħal:

- il-livell ta' tħejjija teknoloġika tat-teknoloġiji trasformattivi għal kull settur;
- il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tat-teknoloġiji trasformattivi;
- l-iskeda ta' żmien tal-adozzjoni antiċipata ta' tali teknoloġiji;
- id-distanza mill-indikaturi fil-mira, għal kull settur tal-IED.

Il-pubblikazzjoni perjodika tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri se tikkomplementa dawn l-indikaturi, billi tipprovdi informazzjoni f'format komuni u aċċessibbli faċilment, li tista' tinqara mill-magni dwar id-dispożizzjonijiet ewlenin permezz ta' mezzi dinamiċi tal-IT. Din se tinkludi informazzjoni dwar:

- l-għoti ta' flessibbiltajiet għall-appoġġ ta' metodi tekniċi trasformattivi;
- l-istabiliment ta' kundizzjonijiet aktar stretti għall-permessi, fejn meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-istandards tal-kwalità ambjentali;
- l-għoti ta' derogi li jippermettu emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa ogħla mill-medda tal-BAT-AEL;
- l-azzjoni ta' infurzar meħuda.

Il-perċezzjonijiet dwar it-tiġib għaċ-ċarezza legali se jiġu mmonitorjati permezz tal-proċess tal-BREF, permezz ta' sħarriġ elettroniku mibgħut lill-komunità tal-partijiet ikkonċernati tal-IED.

Ir-rieżami tal-interazzjoni bejn l-IED u l-ETS u l-iżviluppi tad-dekarbonizzazzjoni, li mistenni jseħħ qabel l-2030, se jkun pass importanti ewleni fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni ta' dan l-approċċ ta' politika rivedut u aktar olistiku.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

- (a) Emendi għad-Direttiva 2010/75/UE

L-emenda għall-**Artikolu 1** għandha l-għan li tiċċara b'mod espliċitu li din id-Direttiva tistabbilixxi regoli maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art u għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent globalment; b'mod konsistenti mal-**Artikolu 191** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Tali kjarifika espliċita tiżdied ukoll f'Artikoli oħra fejn meħtieġ.

L-emendi għall-**Artikolu 3** għandhom l-għan li jipprovdu definizzjonijiet rilevanti ta' kunċetti jew elementi ġodda li qed jiżiedu mad-Direttiva bis-saħħa tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha jew it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet tagħha.

L-emendi għall-**Artikolu 5** għandhom l-għan li jispeċifikaw aktar ir-rekwiżiti ta' trasparenza marbuta mal-permessi mogħtija skont din id-Direttiva, fl-isfond ta' prattika mhux uniformi fost l-Istati Membri. Tali permessi għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet, mingħajr hłas u mingħajr ma jillimitaw l-aċċess għall-utenti rreġistrati, u sommarju uniformi tal-permessi għandu jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku.

Inċidenti jew aċċidenti jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem lil hinn mill-fruntieri tat-territorju nazzjonali tal-Istat Membru li fih iseħħu. F'każijiet bħal dawn, skont l-emendi għall-**Artikolu 7**, trid isseħħ informazzjoni transkonfinali immedjata, kif ukoll kooperazzjoni multidixxiplinari.

L-emendi għall-**Artikolu 8** għandhom l-għan li jirrestrinġu r-regoli li japplikaw fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet għal permess u li jwessgħu s-setgħat tal-awtorità kompetenti li tissospendi l-operazzjonijiet ta' installazzjoni sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità.

Fir-rigward ta' unitajiet ta' kombustjoni jew unitajiet oħra li jarmu d-diossidu tal-karbonju li huma wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, l-emenda għall-**Artikolu 9** għandha l-għan li tagħmel kwalunkwe rekwiżit relatat mal-effiċjenza enerġetika obbligatorju.

L-emendi għall-**Artikolu 11** għandhom l-għan li jintroduċu, bħala parti mill-obbligi bażiċi tal-operatur, rekwiżiti dwar l-effiċjenza fir-riżorsi, filwaqt li jqisu l-prestazzjoni ambjentali ġenerali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-katina tal-provvista u dwar sistema ta' ġestjoni ambjentali.

Fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni li twassal għat-tfassil u għar-reviżjoni tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT (BREFs), l-emendi għall-**Artikolu 13** huma tnejn. L-ewwel nett, bil-ħsieb li jiġu żviluppatti sinerġiji bejn il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) dwar is-sustanzi kimiċi u l-elaborazzjoni tal-BREFs, huwa xieraq li jingħata rwol formali lill-ECHA. It-tieni nett, jenħtieġ li jiġi speċifikat it-trattament ta' informazzjoni kummerċjali riservata (CBI) miġbura mill-industrija sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni li tappoġġa d-determinazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BAT u l-metodi tekniċi emerġenti filwaqt li tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali rilevanti.

Isiru diversi emendi għall-**Artikolu 14** dwar il-kundizzjonijiet għal permessi, bil-għan li jissaħħu r-rekwiżiti marbuta mal-permessi mogħtija skont din id-Direttiva; fosthom, id-dmir għall-Istati Membri li jiżguraw li l-awtoritajiet kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE, inkluż fejn applikabbli mal-istandards tal-kwalità ambjentali, jiġu kkonsultati kif xieraq, qabel ma jingħata permess. Barra minn hekk, huwa xieraq li ssir referenza għall-Anness II dwar is-sustanzi niġġiesa tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 li jistabbilixxi Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti kif qed jiġi emendat. Fil-fatt, billi jelenka sustanzi individwali b'mod mhux eżawrjenti, l-Anness II ta' din id-Direttiva dwar il-lista ta' sustanzi niġġiesa mhuwiex kompatibbli mal-approċċ olistiku mfittex u l-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jqisu s-sustanzi niġġiesa rilevanti kollha, inklużi dawk ta' tħassib emerġenti. Għalhekk, din il-lista mhux eżawrjenti ta' sustanzi niġġiesa jenħtieġ li titħassar. Barra minn hekk, huwa meħtieġ ukoll li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn din id-Direttiva u d-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni⁴⁸. Fejn l-attività msemmija fil-punt 3.6 tal-Anness I ta' din id-Direttiva taq' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/21/KE, il-konklużjonijiet dwar il-BAT stabbiliti skont l-Artikolu 13(5) tal-IED se jipprevalu għall-finijiet tal-permessi skont id-Direttiva 2010/75, fuq il-BAT kif imsemmi fl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2006/21/KE.

Fid-Direttiva jiddaħħal **Artikolu 14a** ġdid, li jirrikjedi li l-operatur jistabbilixxi u jimplementa sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, bil-ħsieb ta' titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali u effiċjenti fl-enerġija u tas-sikurezza tal-installazzjoni. L-Artikolu 14a bis jingħaqad ukoll mal-obbligu tal-awditjar skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika⁴⁹, u b'hekk isaħħaħ iż-żewġ proposti.

Qed jiġu proposti bosta titjib biex jiġu ssikkati r-regoli skont **l-Artikolu 15**. L-ewwel nett, il-kundizzjonijiet li taħthom l-awtorità kompetenti, meta tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għar-rilaxxi ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma f'permess tal-IED, tista' tqis il-proċessi ta' trattament downstream f'impjant tat-trattament tal-ilma mormi, huma ċċarati sabiex jiġi żgurat li tali rilaxxi ma jwasslux għal żieda fit-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-ilmijiet riċeventi meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn l-installazzjoni tal-IED tapplika l-BAT u tissodisfa l-BAT-AELs għar-rilaxxi diretti. It-tieni, il-BAT jiġu applikati b'mod eteroġenu fl-Istati Membri, fis-setturi tal-industrija u anki bejn installazzjonijiet industrijali individwali; bejn 75 % u 85 % tal-valuri ta' limitu kollha tal-emissjonijiet fil-permessi huma stabbiliti fl-inqas tarf impenjattiv tal-meded tal-BAT-AEL⁵⁰, u dan jirriżulta f'nuqqas ta' twassil tat-tnaqqis fl-emissjonijiet. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valuri limitu tal-emissjonijiet (VLE) fl-aktar tarf baxx tal-medda rilevanti tal-BAT-AEL, sakemm l-operatur ma jurix li l-applikazzjoni tal-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti biss li jiġu ssodisfati VLE inqas stretti. It-tielet nett, sabiex tiġi evitata jew imminimizata l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa mill-installazzjonijiet tal-IED u jkun hemm livell ta' kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti aħjar il-

⁴⁸ Id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE; ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

⁴⁹ Supra Nru 34.

⁵⁰ Il-BAT-AEL huma tipikament espressi f'firxiet li jipprovdu l-prestazzjoni ambjentali ta' basket ta' BATs u li jirriflettu d-diversità ta' installazzjonijiet fl-UE. L-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi tal-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu VLEs fil-permessi f'dawk il-meded f'livell li jikkorrispondi għall-prestazzjoni tal-BAT għall-installazzjoni speċifika.

kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw derogi għall-valuri limitu tal-emissjonijiet, konsistenti mal-prinċipji li għandhom jiġu stabbiliti f'anness ta' din id-Direttiva, u b'metodoloġija standardizzata għall-valutazzjoni tal-isproporzjonalità bejn il-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT u l-benefiċċji ambjentali potenzjali, li għandhom jiġu adottati f'att ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li tali derogi ma jingħatawx meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali.

Ġie introdott **l-Artikolu 15a** ġdid, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli komuni għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-validazzjoni tal-livelli mkejla kemm għall-emissjonijiet fl-arja kif ukoll għall-emissjonijiet fl-ilma abbażi tal-BAT, għall-installazzjonijiet koperti mill-Kapitolu II. Dawn ir-regoli ta' valutazzjoni tal-konformità se jieħdu preċedenza fuq ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III u IV dwar il-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet li jinsabu fl-Annessi V u VI.

L-emenda għall-**Artikolu 16** għandha l-għan li tikkomplementa r-rekwiżiti ta' monitoraġġ fir-rigward tad-derogi mogħtija skont l-Artikolu 15(4), fir-rigward tal-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati mid-deroga li huma preżenti fl-ambjent riċeventi.

L-emenda għall-**Artikolu 18** għandha l-għan li tiċċara li l-istandards ta' kwalità ambjentali jirreferu għar-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-arja jew l-ilma; li jridu jiġu ssodisfati f'ħin partikolari minn ambjent partikolari jew minn parti partikolari tiegħu, u li fejn ikunu meħtieġa kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-BAT minn installazzjoni tal-IED biex tiġi żgurata l-konformità ma' tali standards ta' kwalità ambjentali, iridu jiġu inklużi miżuri addizzjonali speċifiċi fil-permess kif stabbilit f'dan l-Artikolu.

L-emenda għall-**Artikolu 21** għandha l-għan li tiċċara li l-kundizzjonijiet għall-permessi jenħtieġ li jiġu riveduti u, fejn meħtieġ, aġġornati mill-awtorità kompetenti fejn ikun meħtieġ għall-installazzjoni biex tikkonforma ma' standard ta' kwalità ambjentali.

L-emendi għall-**Artikolu 24** jinkludu t-twessigħ tal-każijiet fejn il-pubbliku kkonċernat jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fl-għoti jew fl-aġġornament tal-kundizzjonijiet għal permessi mill-awtorità kompetenti, b'mod konsistenti mal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

L-emenda għall-**Artikolu 25** għandha l-għan li tiċċara li l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-*locus standi* għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubbliku kkonċernat li hađu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

L-emendi għall-**Artikolu 26** ifittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni transkonfinali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-parteċipazzjoni pubblika fil-proċessi tal-għoti ta' permessi.

Wara l-Artikolu 26, jiddaħħal **Kapitolu IIa** ġdid dwar "**il-promozzjoni tal-innovazzjoni**", li jinkludi **l-Artikoli 27 sa 27d**, sabiex titrawwem l-innovazzjoni, jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti bi prestazzjoni ambjentali mtejbja, kif ukoll jiġi stabbilit ċentru dedikat biex jappoġġa l-innovazzjoni billi tinġabar u tiġi analizzata informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi u jiġi kkaratterizzat l-istat ta' żvilupp tagħhom mir-riċerka sal-iskjerament. Iċ-ċentru se jippermetti lill-BAT jiżviluppaw approċċ li jħares 'il quddiem u jgħinu lill-industriji jidentifikaw soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni u jnaqqsu t-tniġġis. Maż-żmien dan se jsir ċentru biex titrawwem id-dinamika tal-innovazzjoni għat-tranżizzjoni

industrijali fuq il-politiki kollha tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-operaturi se jkunu meħtieġa jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2030 bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom, jew aktar tard, skont l-attivitajiet tal-Anness I involuti, bħala kontribuzzjoni lejn l-ilhug tal-oġġettivi tal-UE dwar ekonomija nadifa, ċirkolari u b'newtralità klimatika.

L-emendi għall-**Artikolu 42** ikomplu jiċċaraw kif għandu jiġi vvalutat jekk il-gassijiet jew il-likwidi mnaddfa li jirriżultaw mill-gassifikazzjoni u mill-pirolisi tal-iskart humiex ippurifikati biżżejjed biex jinħarqu mingħajr kontrolli aktar stretti minn dawk li japplikaw għat-tindif tal-fjuwils kummerċjali.

Jiddaħħal **il-Kapitolu VIa** ġdid dwar “dispożizzjonijiet speċjali għat-trobbija tat-tjur, tal-majjali u tal-bhejjem tal-ifrat” wara l-Kapitolu VI u qabel il-Kapitolu VII, u li jinkludi **l-Artikoli 70a sa 70i**. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet sinifikanti ta' sustanzi niġġiesa fl-arja u fl-ilma kkawżati minn tali trobbija, dan il-Kapitolu jinkludi t-tnaqqis tal-limitu li 'l fuq minnu l-installazzjonijiet tal-majjali u tat-tjur huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE; u jżid it-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat f'dan il-kamp ta' applikazzjoni, flimkien mal-installazzjonijiet tal-majjali u tat-tjur. Dan jistabbilixxi wkoll proċeduri speċifiċi ta' permessi adattati għas-settur, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-proċeduri ta' permessi amministrattivi mar-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-parteċipazzjoni pubblika u tal-konformità. Ir-Regoli Operattivi għall-azjendi agrikoli tal-bhejjem se jqisu mhux biss in-natura, it-tip, id-daqs u d-densità iżda wkoll il-kumplessità ta' dawn l-installazzjonijiet u l-firxa ta' impatti ambjentali li jista' jkollhom, flimkien ma' aspetti ekonomiċi. Dan se jippermetti l-istabbiliment ta' rekwiżiti proporzjonati għal prattiki agrikoli differenti (intensivi, estensivi, organiċi), inkluż billi jitqiesu l-ispeċifitàjiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jkunu mrobbija b'mod staġunali biss f'installazzjonijiet fuq ġewwa, filwaqt li jiġu minimizzati l-piżijiet għas-settur u għall-awtoritajiet kompetenti.

L-emendi **għall-Artikolu 73** jinkludu l-istabbiliment ta' frekwenza ta' ħames snin li skontha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jirrevedi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li l-ewwel wieħed minnhom se jkun dovut sa Ġunju 2028. Dan ir-rapport se jqis id-dinamika tal-innovazzjoni u r-rieżami msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-emenda għall-**Artikolu 74** tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward taż-żieda ta' attività agroindustrijali mal-Anness I jew mal-Anness I a ta' din id-Direttiva, bil-għan li jiġi żgurat li din tissodisfa l-oġġettivi tiegħu li jipprevjeni jew li jnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u jikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

L-emendi għall-**Artikolu 79** għandhom l-għan li jispeċifikaw il-kontenut minimu tal-penali, sabiex ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali⁵¹.

⁵¹ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali; ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28–37. Il-Kummissjoni adottat proposta 15/12/2021 biex tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE: COM(2021) 851 final “Proposta

Ġie introdott **l-Artikolu 79a** ġdid dwar il-kumpens, li għandu l-għan li jiżgura li, fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa, bis-sħiħ jew parzjalment bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, il-pubbliku kkonċernat jista' jitlob u jikseb kumpens għal dak id-dannu mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u, fejn identifikat, mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-ksur.

L-emendi għall-**Anness I** jinkludu l-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva tal-estrazzjoni ta' minerali industrijali u metalliċi, attività li għandha impatt sinifikanti fuq l-ambjent. Bl-istess mod, filwaqt li diversi mill-attivitajiet tal-katina tal-valur tal-batteriji diġà huma regolati minn din id-Direttiva, iż-żieda wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istrument ta' installazzjonijiet kbar li jwettqu l-manifattura tal-batteriji tiżgura li l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji jkunu koperti mir-rekwiżiti tad-Direttiva, bil-għan ta' tkabbir aktar sostenibbli ta' dan is-settur industrijali.

(b) Emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE

L-emenda għall-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill⁵² għandha l-għan li tippermetti l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT dwar il-landfills skont din id-Direttiva. Għalkemm il-landfills huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IED, ma teżisti l-ebda konklużjoni tal-BAT għal-landfills minħabba l-kopertura ta' din l-attività skont id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, u skont dan, ir-rekwiżiti tagħha jitqiesu li jikkostitwixxu l-BAT. Minħabba l-iżvilupp tekniku u l-innovazzjoni li seħħew mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, issa hemm disponibbli metodi tekniċi aktar effettivi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. L-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ambjentali ewlenin relatati mat-tħaddim tal-landfills tal-iskart, inklużi l-emissjonijiet sinifikanti tal-metan.

għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE.

⁵² Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill; ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1-19..

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁵⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew⁵⁵ huwa l-istrateġija tal-Ewropa li tiżgura, sal-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal politiki trasformattivi fil-fond. L-Unjoni hija impenjata wkoll li ssegwi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli⁵⁶ u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha⁵⁷. L-Istrateġija tal-UE dwar

⁵³ ĠU C , , p. .

⁵⁴ ĠU C , , p. .

⁵⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final.

⁵⁶ https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E

⁵⁷ <https://sdgs.un.org/goals>

is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà⁵⁸ ta' Ottubru 2020 u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero⁵⁹ adottati f'Mejju 2021 jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'mod parallel, l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa⁶⁰ tkompli tenfasizza r-rwol potenzjali tat-teknoloġiji trasformattivi. Politiki oħra partikolarment rilevanti għal din l-inizjattiva jinkludu l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" ⁶¹, l-Istrateġija tal-Metan⁶² u l-wegħda ta' Glasgow b'rabta mal-metan⁶³, l-Istrateġija tal-Adattament għall-Klima⁶⁴, l-Istrateġija tal-Bijodiversità⁶⁵, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt⁶⁶ u l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli⁶⁷. Barra minn hekk, bħala parti mir-rispons tal-UE għall-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna tal-2022, ir-REPowerEU⁶⁸ tipproponi Azzjoni Ewropea Konġunta biex tappoġġa d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, taċċellera t-tranżizzjoni għall-enerġija rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika.

- (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar reviżjoni tal-miżuri tal-Unjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar, inkluż ir-rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-leġiżlazzjoni u kif dan isir kompletament konsistenti mal-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jitolbu wkoll li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors, inklużi sorsi li bħalissa mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹. Għalhekk, l-indirizzar

⁵⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final.

⁵⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

⁶⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa COM(2020) 102 final.

⁶¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika COM/2021/550 final.

⁶² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan COM(2020) 663 final.

⁶³ <https://www.globalmethanepledge.org/>

⁶⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM(2021) 82 final.

⁶⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna COM(2020) 380 final.

⁶⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent COM(2020) 381 final.

⁶⁷ COM(2022) 142

⁶⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli; COM(2022) 108 final.

⁶⁹ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis); ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119.

tat-tniġġis minn ċerti attivitajiet agroindustrijali jeħtieġ l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

- (3) L-industrija estrattiva tal-Unjoni hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija industrijali tal-UE, inkluż l-aġġornament tagħha. Il-materja prima hija ta' importanza strateġika għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, għall-enerġija, għall-materjali u għat-trasformazzjoni tal-ekonomija ċirkolari u għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika tal-UE. Sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi, il-kapaċitajiet domestiċi sostenibbli jeħtieġ li jiġu żviluppati ulterjorment. Dan jeħtieġ miżuri effettivi, adattati u armonizzati biex jiġi żgurat li jiġu stabbiliti u li jintużaw l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, u b'hekk jiġu applikati proċessi li huma kemm l-aktar effiċjenti kif ukoll li għandhom l-inqas impatti possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-mekkaniżmi ta' governanza tad-Direttiva 2010/75/UE li jassoċjaw mill-qrib l-esperti tal-industrija mal-iżvilupp ta' rekwiżiti ambjentali konsenswali u mfassla apposta se jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli ta' dawk l-attivitajiet fl-Unjoni. L-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' standards maqbula b'mod komuni se jwasslu għal kundizzjonijiet ekwi tal-Unjoni filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk huwa xieraq li dawk l-attivitajiet jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE.
- (4) It-trobbija tal-majjali, tat-tjur u tal-bhejjem tal-ifrat tikkawża emissjonijiet sinifikanti ta' sustanzi niġġiesa fl-arja u fl-ilma. Sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, inklużi l-ammonijaka, il-metan, in-nitrati u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, huwa meħtieġ li jitnaqqas il-limitu li 'l fuq minnu l-installazzjonijiet tal-majjali u tat-tjur huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u li tiġi inkluża wkoll it-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat f'dak il-kamp ta' applikazzjoni. Ir-rekwiżiti rilevanti tal-BAT iqisu n-natura, id-daqs, id-densità u l-kumplessità ta' dawn l-installazzjonijiet, inkluż l-ispeċifitajiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jkunu mrobbija biss skont l-istaġun f'installazzjonijiet fuq ġewwa, u l-firxa ta' impatti ambjentali li jista' jkollhom. Ir-rekwiżiti tal-proporzjonalità fil-BATs għandhom l-għan li jinċentivaw lill-bdiewa jimplimentaw it-tranżizzjoni neċessarja lejn prattiki agrikoli li dejjem aktar ekoloġiċi.
- (5) Sal-2040, fl-Unjoni x'aktarx li sseħħ żieda sinifikanti fl-għadd ta' installazzjonijiet fuq skala kbira għall-produzzjoni ta' batteriji għall-vetturi elettriċi, li żżid is-sehem tal-Unjoni tal-produzzjoni globali tal-batteriji. Filwaqt li bosta mill-attivitajiet tal-katina tal-valur tal-batteriji huma diġà regolati mid-Direttiva 2010/75/UE u l-batteriji huma regolati bħala prodotti mir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* +., għadu meħtieġ li fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġu inklużi installazzjonijiet kbar li jimmanifatturaw il-batteriji, jiġi żgurat li dawn ikunu koperti wkoll mir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE u għalhekk jikkontribwixxu għal tkabbir aktar sostenibbli tal-manifattura tal-batteriji. L-inklużjoni ta' installazzjonijiet kbar li jimmanifatturaw il-batteriji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE se ttejjeb b'mod olistiku s-sostenibbiltà tal-batteriji u se timminimizza l-impatt tagħhom fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.
- (6) Bil-għan li jkompli jissaħħaħ l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-permessi għall-installazzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 2010/75/UE għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet, mingħajr ħlas

u mingħajr ma jiġi ristrett l-aċċess għall-utenti rreġistrati. Sommarju uniformi tal-permessi jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għall-pubbliku taħt l-istess kundizzjonijiet.

- (7) L-impatt tat-tniġġis, inkluż meta kkawżat minn inċidenti jew aċċidenti, jista' jestendi lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru. F'każijiet bħal dawn, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰, il-limitazzjoni tal-konsegwenzi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ta' inċidenti jew aċċidenti u l-prevenzjoni ta' aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli jeħtieġu informazzjoni fil-pront u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li huma jew li jistgħu jiġu affettwati minn tali avvenimenti. Għalhekk, fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b'mod sinifikanti l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem fi Stat Membru ieħor, l-informazzjoni u l-kooperazzjoni transkonfinali u multidixxiplinari bejn l-Istati Membri affettwati jenħtieġ li jiġi limitati l-konsegwenzi għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u biex jiġu evitati aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli.
- (8) L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw ukoll miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità biex jippromwovu, jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità mal-obbligi mqiegħda fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi skont id-Direttiva 2010/75/UE. Bħala parti mill-miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jissospendu l-operat ta' installazzjoni fejn ksur kontinwu tal-kundizzjonijiet għal permess u n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sejbiet tar-rapport ta' spezzjoni joħolqu jew jirriskjaw li jikkawżaw periklu għas-saħħa tal-bniedem jew effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, sabiex jitwaqqaf dak il-periklu.
- (9) Sabiex titrawwem l-effiċjenza enerġetika tal-installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE li qed iwettqu attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, huwa xieraq li dawk l-installazzjonijiet jiġu sottomessi għar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fir-rigward tal-unitajiet ta' kombustjoni jew ta' unitajiet oħra li jarmu d-diossidu tal-karbonju fuq is-sit.
- (10) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE kkonkludiet li hemm bżonn li jissaħħu r-rabtiet bejn dik id-Direttiva u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006⁷¹, biex jiġu indirizzati aħjar ir-riskji tal-użu tas-sustanzi kimiċi f'installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE. Sabiex jiġu żviluppati sinerġiji bejn il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) dwar is-sustanzi kimiċi u t-tħejjija tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT skont id-Direttiva 2010/75/UE, l-ECHA jenħtieġ li tingħata rwol formali fit-tali tħejjija tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT.

⁷⁰ + Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2020/0353(COD) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna."

Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

⁷¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

- (11) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni li tappoġġa d-determinazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT), filwaqt li tinżamm l-integrità ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, il-proċeduri għall-immaniġġjar ta' informazzjoni li tikkwalifika bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva, u kif miġbura mill-industrija fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni organizzat mill-Kummissjoni għall-fini tal-abbozzar, ir-rieżami jew l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT jenħtieġ li jiġu speċifikati. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-individwi li jipparteċipaw fl-iskambju ta' informazzjoni ma jikkondividux informazzjoni li tikkwalifika bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva ma' kwalunkwe rappreżentant ta' impriża jew ta' assoċjazzjonijiet kummerċjali li jkollhom interess ekonomiku fl-attivitajiet industrijali kkonċernati u fis-swieq relatati. Tali skambju ta' informazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (12) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali, huma meħtieġa sinerġiji u koordinazzjoni ma' leġislazzjoni ambjentali rilevanti oħra tal-Unjoni, fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu kkonsultati kif xieraq qabel l-għoti ta' permess skont id-Direttiva 2010/75/UE.
- (13) Bil-ħsieb li jittejbu kontinwament il-prestazzjoni ambjentali u s-sikurezza tal-installazzjoni, inkluż billi tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi u l-użu mill-ġdid tal-ilma, u l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji assoċjati mal-użu ta' sustanzi perikolużi, jenħtieġ li l-operatur jistabilixxi u jimplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, u jenħtieġ li jagħmilha disponibbli għall-pubbliku. L-EMS jenħtieġ li tkopri wkoll il-ġestjoni tar-riskji relatati mal-użu tas-sustanzi perikolużi u analiżi tas-sostituzzjoni possibbli ta' sustanzi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri.
- (14) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ulterjorment il-kundizzjonijiet li taħthom l-awtorità kompetenti, meta tistabilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għar-rilaxxi ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma f'permess mogħti skont id-Direttiva 2010/75/UE, tista' tqis il-proċessi ta' trattament downstream f'impjant tat-trattament tal-ilma mormi, sabiex jiġi żgurat li tali rilaxxi ma jwasslux għal żieda fit-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-ilmijiet riċeventi meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn l-installazzjoni tapplika l-BAT u tissodisfa l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għar-rilaxxi diretti.
- (15) L-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali jirrikjedi fost l-oħrajn l-istabiliment fil-permessi tal-valuri limitu tal-emissjonijiet f'livell li jiżgura l-konformità mal-livelli ta' emissjonijiet applikabbli assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) normalment jiġu espressi bħala meded, aktar milli bħala valuri uniċi, biex jirriflettu d-differenzi fi ħdan tip partikolari ta' installazzjonijiet li jirriżultaw f'varjazzjonijiet fil-prestazzjonijiet ambjentali miksuba meta tiġi applikata l-BAT. Pereżempju, BAT partikolari ma tipprovdux l-istess prestazzjoni għal installazzjonijiet differenti, xi BATs jistgħu ma jkunux adattati għall-użu f'ċerti installazzjonijiet, jew taħlita ta'

BATs tista' tkun aktar effettiva fuq xi sustanzi niġġiesa jew fuq xi setturi ambjentali minn oħrajn. Il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali għet ipperikolata mill-prattika li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet fl-aktar tarf baxx tal-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, mingħajr ma jitqies il-potenzjal ta' installazzjoni partikolari li tikseb livelli ta' emissjonijiet aktar baxxi permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Tali Prattika tiskoraġġixxi lil dawk li jinsabu quddiem nett milli jimplimentaw metodi tekniċi aktar effettivi, u xxekkel il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi f'livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jistabbilixxu fil-permessi l-aktar valuri limitu baxxi possibbli tal-emissjonijiet li jirriflettu l-prestazzjoni tal-BAT għall-installazzjonijiet speċifiċi, filwaqt li jqisu l-firxa sħiħa tal-BAT-AELs u jimmiraw lejn l-aħjar prestazzjoni ambjentali possibbli għall-installazzjonijiet; sakemm l-operatur ma jurix li l-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti biss lill-installazzjoni kkonċernata li tissodisfa valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti.

- (16) Il-kontribut tad-Direttiva 2010/75/UE għall-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija u għall-ekonomija ċirkolari fl-Unjoni jenħtieġ li jsir aktar effettiv, filwaqt li jitqies il-prinċipju "L-Effiċjenza Enerġetika Tiġi l-Ewwel" bħala prinċipju gwida tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Għalhekk, il-permessi jenħtieġ li jistabbilixxu, fejn possibbli, valuri limitu obligatorji tal-prestazzjoni ambjentali fuq il-livelli tal-konsum u tal-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż dwar l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materjali riċiklati, abbażi tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT AELs) stabbiliti fid-deċizzjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT.
- (17) Bil-għan li tiġi evitata jew minimizzata l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa minn installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw derogi mill-valuri limitu tal-emissjonijiet jenħtieġ li jiffasslu aħjar permezz ta' prinċipji ġenerali, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni aktar armonizzata ta' tali derogi madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, id-derogi mill-valuri limitu tal-emissjonijiet jenħtieġ li ma jingħatawx meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali.
- (18) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE kkonkludiet li kien hemm xi diskrepanza fl-approċċi ta' valutazzjoni tal-konformità għall-installazzjonijiet koperti mill-Kapitolu II ta' dik id-Direttiva. Sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu, tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni u kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi regoli komuni għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-validazzjoni tal-livelli mkejla kemm għall-emissjonijiet fl-arja kif ukoll għall-emissjonijiet fl-ilma abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Dawk ir-regoli ta' valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jieħdu preċedenza fuq ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III u IV dwar il-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet li jinsabu fl-Annessi V u VI tad-Direttiva 2010/75/UE.
- (19) L-istandards ta' kwalità ambjentali jirreferu għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-arja u l-ilma; li jridu jiġu ssodisfati fi żmien partikolari minn ambjent partikolari jew minn parti partikolari tiegħu. Għalhekk

huwa xieraq li jiġi ċċarat li meta jagħtu permess lil installazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jstabbilixxux biss kundizzjonijiet biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet tal-installazzjoni mal-konklużjonijiet tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, iżda jenħtieġ ukoll, fejn xieraq bil-ħsieb li jitnaqqas il-kontribut speċifiku tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż-żona rilevanti, li jinkludu kundizzjonijiet addizzjonali speċifiċi fil-permess li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-installazzjoni mal-istandards ta' kwalità ambjentali. Tali kundizzjonijiet jistgħu jikkonsistu fl-istabbiliment ta' valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti jew fil-limitazzjoni tat-tħaddim jew tal-kapaċità tal-installazzjoni.

- (20) Il-kundizzjonijiet għall-permessi jenħtieġ li jiġu riveduti regolarment u, fejn meħtieġ, aġġornati mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Tali rieżami jew aġġornament jenħtieġ li jsir ukoll fejn ikun meħtieġ li l-installazzjoni tikkonforma ma' standard ta' kwalità ambjentali, inkluż fil-każ ta' standard ta' kwalità ambjentali ġdid jew rivedut jew fejn l-istatus tal-ambjent riċeventi jeħtieġ reviżjoni tal-permess sabiex tinkiseb konformità mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħall-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷².
- (21) Il-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, fis-seba' sessjoni tal-Laqgħa tagħhom, approvaw is-sejbiet tal-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni fil-Kawża ACCC/C/2014/121, li skontha, billi tistabbilixxi qafas legali li ma jipprevedi l-ebda possibbiltà għall-parteċipazzjoni pubblika fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet mill-ġdid u aġġornamenti skont l-Artikolu 21(3), (4) u (5)(b) u (c) tad-Direttiva 2010/75/UE, l-Unjoni Ewropea tonqos milli tikkonforma mal-Artikolu 6(10) tal-Konvenzjoni. Dawn is-sejbiet ġew approvati mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, u bil-ħsieb li tintlaħaq konformità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li l-pubbliku kkonċernat jenħtieġ li jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fl-għoti jew fl-aġġornament tal-kundizzjonijiet għal permessi stabbiliti mill-awtorità kompetenti wkoll meta l-kundizzjonijiet għal permessi jiġu kkunsidrati mill-ġdid wara l-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT relatati mal-attività prinċipali tal-installazzjoni; meta l-iżviluppi fl-aħjar metodi tekniċi disponibbli jippermettu t-tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet; meta s-sikurezza fit-tħaddim tirrikjedi li jintużaw metodi tekniċi oħra; u fejn ikun meħtieġ li jkun hemm konformità ma' standard ta' kwalità ambjentali ġdid jew rivedut.
- (22) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁷³, l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-*locus standi* għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubbliku kkonċernat li jkunu hađu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Kif iċċarat ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁷⁴, l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet

⁷² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000).

⁷³ Kawża C-826/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021; LB et vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren; il-paragrafi 58 u 59.

⁷⁴ Kawża C-416/10 Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 15 ta' Jannar 2013; Jozef Križan et vs Slovenská inšpekcia životného prostredia. Križan, il-paragrafu 109.

ambjentali u rimedji effettivi jirrikjedi fost l-oħrajn li l-membri tal-pubbliku kkonċernat jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu lill-qorti jew lil korp indipendenti u imparzjali kompetenti sabiex jordnaw miżuri interim biex jipprevjenu każ partikolari ta' tniġġis, inkluż, fejn meħtieġ, permezz tas-sospensjoni temporanja tal-permess ikkontestat. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-pożizzjoni legali jenħtieġ li ma ssirx kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membri tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. Barra minn hekk, kwalunkwe proċedura ta' rieżami jenħtieġ li tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

- (23) Il-kooperazzjoni transkonfinali jenħtieġ li sseħħ qabel l-ġhoti ta' permessi fejn aktar minn Stat Membru wieħed jista' jiġi affettwat mill-operat ta' installazzjoni, u jenħtieġ li tinkludi informazzjoni u konsultazzjoni minn qabel tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra li jistgħu jiġu affettwati.
- (24) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE sabet li, anke jekk jenħtieġ li trawwem it-trasformazzjoni tal-industrija Ewropea, din mhijiex dinamika biżżejjed u ma tappoġġax biżżejjed l-użu ta' proċessi u teknoloġiji innovattivi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti bi prestazzjoni ambjentali mtejba, biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mar-riċerkaturi u l-industriji fi proġetti ta' riċerka ffinanzjati pubblikament soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fl-istrumenti ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali rilevanti, kif ukoll li jiġi stabbilit ċentru ddedikat biex jappoġġa l-innovazzjoni billi jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti, rilevanti għal attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u biex jiġi kkaratterizzat il-livell ta' żvilupp tagħhom mir-riċerka sal-implimentazzjoni (livell ta' tħejjija teknoloġika jew "TRL") u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Dan se jinforma wkoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-tfassil, ir-rieżami u l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. Il-metodi tekniċi innovattivi li għandhom jinġabru u jiġu analizzati miċ-ċentru jenħtieġ li tal-anqas ikunu fil-livell tat-teknoloġija muri fl-ambjent rilevanti (ambjent industrijalment rilevanti fil-każ ta' teknoloġiji abilitanti ewlenin) jew dimostrazzjoni tal-prototipi tas-sistema fl-ambjent operattiv (TRL 6-7).
- (25) L-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni rigward ekonomija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050 jitlob trasformazzjoni profonda tal-ekonomija tal-Unjoni. B'mod konsistenti mat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-operaturi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE jenħtieġ li jinkludu pjanijiet ta' trasformazzjoni fis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom. Tali pjanijiet ta' trasformazzjoni se jikkomplementaw ukoll ir-rekwiżiti ta' Rapportar tas-Sostenibbiltà Korporattiva skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁵ billi jipprovdu mezz għall-implimentazzjoni konkreta ta' dawn ir-rekwiżiti fil-livell tal-installazzjoni. L-ewwel prijorità hija t-trasformazzjoni tal-attivitajiet intensivi fl-enerġija elenkati fl-Anness I. Għalhekk, l-operaturi ta' installazzjonijiet intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2030. L-operaturi tal-installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet oħra elenkati fl-Anness I jenħtieġ li

⁷⁵ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE; ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76.

jkunu meħtieġa jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni bħala parti mir-rikunsiderazzjoni u l-aġġornament tal-permessi wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT ippublikati wara l-1 ta' Jannar 2030. Filwaqt li l-pjanijiet ta' trasformazzjoni jenħtieġ li jibqgħu dokumenti indikattivi mħejjija taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi, l-organizzazzjoni tal-awditjar ikkuntrattata mill-operaturi bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom jenħtieġ li tivverifika li jkun fihom l-informazzjoni minima li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea f'att ta' implimentazzjoni, u l-operaturi jenħtieġ li jagħmlu l-pjanijiet ta' trasformazzjoni pubbliċi.

- (26) Hija meħtieġa aktar ċarezza fir-rigward tal-kriterji biex jiġi vvalutat jekk il-gassijiet jew il-likwidi mnaddfa li jirriżultaw mill-gassifikazzjoni u mill-pirolisi tal-iskart humiex ippurifikati biżżejjed sa tali punt li ma għadhomx skart qabel l-inċinerazzjoni tagħhom.
- (27) Fid-dawl tal-għadd kbir ta' installazzjonijiet tat-trobbija li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, u s-semplikità relattiva tal-proċessi u x-xejriet tal-emissjonijiet ta' tali installazzjonijiet, huwa xieraq li jiġu stabbiliti proċeduri amministrattivi speċifiċi għall-ħruġ ta' permessi u għall-operat tal-attivitajiet rilevanti li huma adattati għas-settur, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti relatati mal-informazzjoni pubblika u l-parteċipazzjoni, il-monitoraġġ u l-konformità.
- (28) Il-metodi tekniċi innovattivi li jidħlu fis-suq huma mistennija li jnaqqsu dejjem aktar kemm l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa kif ukoll tal-gassijiet serra minn installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni kemm tad-Direttiva 2010/75/UE kif ukoll tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁶. Filwaqt li dan se jippermetti l-bini ta' sinerġiji ulterjuri bejn daww id-Direttivi, dan jista' jaffettwa t-tħaddim tagħhom, inkluż fis-suq tal-karbonju. F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2003/87/KE fiha dispożizzjoni għar-rieżami tal-effettività tas-sinerġiji mad-Direttiva 2010/75/UE, u li titlob li l-permessi rilevanti ambjentali u klimatiċi jiġu kkoordinati sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni effiċjenti u aktar mgħaġġla tal-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija. Sabiex titqies id-dinamika tal-innovazzjoni f'dan ir-rigward u r-rieżami msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li ttippreżenta rapport li jirrevedi l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-2028 u kull ħames snin wara dan.
- (29) Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva 2010/75/UE tkompli tilħaq l-oġġettivi tagħha li tipprevjeni jew tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dik id-Direttiva sabiex tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom rekwiżiti għal attivitajiet relatati mat-trobbija ta' tjur, majjali u bhejjem tal-ifrat, u li jiġu emendati l-Annessi I u Ia ta' dik id-Direttiva billi tiżdied attività agroindustrijali biex jiġi żgurat li tissodisfa l-oġġettivi tagħha li tipprevjeni jew tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq

⁷⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁷⁷. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

- (30) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' (i) il-format li għandu jintuża għas-sommarju tal-permess; (ii) metodoloġija standardizzata għall-valutazzjoni tad-disproporzjonalità bejn il-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT u l-benefiċċji ambjentali potenzjali, (iii) il-metodu ta' kejl għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permess fir-rigward tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma, (iv) l-arranġamenti dettaljati meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament taċ-ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali, u (v) il-format li għandu jintuża għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁸.
- (31) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat il-kontenut minimu ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Id-disparitajiet fir-reġimi tal-penali, il-fatt li l-penali imposti jitqiesu f'ħafna każijiet baxxi wisq biex verament ikollhom effett ta' deterrent fuq l-imġiba illegali, u n-nuqqas ta' implimentazzjoni uniformi madwar l-Istati Membri, jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi dwar l-emissjonijiet industrijali madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li titqies id-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali fejn ksur identifikat skont din id-Direttiva jikkonstitwixxi reat fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE.
- (32) Fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati jkunu jistgħu jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti u, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli għall-ksur. Tali regoli dwar il-kumpens jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE. Huma jirfdu wkoll id-dritt għall-ħajja, l-integrità tal-persuna u l-kura tas-saħħa stabbiliti fl-Artikoli 2, 3 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-dritt għal rimedju effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma tagħtix lill-partijiet privati dritt ta' kumpens bħala konsegwenza ta' dannu ambjentali jew ta' theddida imminenti ta' tali dannu.

⁷⁷ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

⁷⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (33) Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2010/75/UE tindirizza d-dritt għal kumpens għad-danni mġarrba minn individwi. Sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom kontra d-danni għas-saħħa kkawżati minn ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u b'hekk jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti ta' dik id-Direttiva, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent, bl-inklużjoni ta' dawk li jippromwovu l-protezzjoni tal-konsumaturi u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali, bħala membri tal-pubbliku kkonċernat, jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeterminaw l-Istati Membri, jew f'isem jew b'appoġġ għal kwalunkwe vittma, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża quddiem il-qrati. L-Istati Membri normalment igawdu minn awtonomija proċedurali biex jiżguraw rimedju effettiv kontra l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, soġġett għar-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. Madankollu, l-esperjenza turi li filwaqt li hemm evidenza epidemjoloġika qawwija fuq l-impatti negattivi tat-tniġġis fuq is-saħħa tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-arja, huwa diffiċli għall-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE skont ir-regoli proċedurali dwar l-oneru tal-prova ġeneralment applikabbli fl-Istati Membri, li juru rabta ta' kawżalità bejn il-ħsara mġarrba u l-ksur. B'riżultat ta' dan, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE ma għandhomx mod effettiv biex jiksbu kumpens għall-ħsara kkawżata minn tali ksur. Sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-individwi li jiksbu kumpens għal ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u li jikkontribwixxu għal infurzar aktar effiċjenti tar-rekwiżiti tagħha madwar l-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi adattat l-oneru tal-prova applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dawn. Għalhekk, meta individwu jkun jista' jipprovdi evidenza robusta biżżejjed biex iwassal għal preżunzjoni li l-ksur tad-Direttiva 2010/75/UE jkun l-orijini tad-dannu kkawżat lis-saħħa ta' individwu, jew ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għalih, jenħtieġ li jkun il-konvenut li jirribatti dik il-preżunzjoni sabiex jaħrab mir-responsabbiltà tiegħu.
- (34) L-impatt tad-Direttiva 2010/75/UE fuq l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri jenħtieġ li jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-objettivi tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem permezz ta' ambjent sikur segwit minnha u jenħtieġ li ma jaffettwax regoli proċedurali nazzjonali oħra li jstabbilixxu d-dritt li jintalab kumpens għal ksur ta' dik id-Direttiva. Madankollu, tali regoli nazzjonali jenħtieġ li ma jfixklux il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu għat-tiftix ta' kumpens meħtieġ mid-Direttiva 2010/75/UE.
- (35) L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE wriet applikazzjonijiet diverġenti madwar l-Istati Membri dwar il-kopertura ta' installazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika permezz tal-ħami, minħabba li l-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' din l-attività ppermettiet lill-Istati Membri jiddeċiedu jekk japplikawx iż-żewġ kriterji jew wieħed minnhom biss dwar il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-form. Bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni aktar konsistenti ta' dik id-Direttiva u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, tali installazzjonijiet jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva kull meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda minn dawk iż-żewġ kriterji.
- (36) Meta tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkunsidra s-sustanzi kollha, inklużi s-sustanzi ta' tħassib emerġenti, li jistgħu jiġu rilaxxati mill-installazzjoni kkonċernata u li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem. B'dan il-mod, jenħtieġ li

jigū kkunsidrati l-karatteristiċi tal-periklu, il-kwantità u n-natura tas-sustanzi emessi u l-potenzjal tagħhom li jniġġsu kwalunkwe settur ambjentali. Il-konklużjonijiet tal-BAT, fejn rilevanti, huma l-punt ta' referenza għall-għażla tas-sustanzi li għalihom iridu jigū stabbiliti l-valuri limitu tal-emissjonijiet, għalkemm l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tagħżel sustanzi addizzjonali. Bħalissa, is-sustanzi niġġiesa individwali huma elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II tad-Direttiva 2010/75/UE; li mhuwiex kompatibbli mal-approċċ olistiku ta' dik id-Direttiva u ma jirriflettix il-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jqisu s-sustanzi niġġiesa rilevanti kollha, inklużi dawk ta' tħassib emerġenti. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar il-lista mhux eżawrjenti ta' sustanzi niġġiesa. Minflok, jenħtieġ li ssir referenza għal-lista ta' sustanzi li jniġġsu fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006⁷⁹.

- (37) Għalkemm il-landfills huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, ma teżisti l-ebda konklużjoni tal-BAT għal-landfills peress li dik l-attività taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE⁸⁰ u r-rekwiżiti ta' din l-aħħar Direttiva jitqiesu li jikkostitwixxu l-BAT. Minħabba l-iżviluppi tekniċi u l-innovazzjoni li seħħew mill-adozzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE, issa hemm disponibbli metodi tekniċi aktar effettivi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. L-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT skont id-Direttiva 2010/75/UE tippermetti li jigū indirizzati l-kwistjonijiet ambjentali ewlenin relatati mal-operat tal-landfills tal-iskart, inklużi l-emissjonijiet sinifikanti tal-metan. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 1999/31/KE tippermetti l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT dwar il-landfills skont id-Direttiva 2010/75/UE.
- (38) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2010/75/UE u 1999/31/KE jigū emendati skont dan.
- (39) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità ambjentali ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri, u għaldaqstant, minħabba n-natura transkonfinali tat-tniġġis mill-attivitajiet industrijali, jistgħu jinkisbu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (40) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, għall-ilħuq tal-objettiv bażiku li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u għat-titjib tal-kwalità ambjentali, huwa meħtieġ u xieraq li jigū stabbiliti regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis li jirriżulta minn attivitajiet industrijali. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (41) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni⁸¹, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni

⁷⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

⁸⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

⁸¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

tagħhom tkun akkumpanjata minn dokument wieħed jew aktar, fejn tiġi spjegata l-korrelazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2010/75/UE

Id-Direttiva 2010/75/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Tippreskrivi wkoll regoli maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art u għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kollu kemm hu.”.

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet industrijali li jagħtu lok għat-tniġġis imsemmi fil-Kapitoli II sa VIa”.

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(3) “installazzjoni” tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha titwettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I, fl-Anness Ia jew fil-Parti I tal-Anness VII, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitajiet elenkati f'dawk l-Annessi u li jista' jkollha effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis;”;

(b) il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(12) “konklużjonijiet tal-BAT” tfisser dokument li jkun fih il-partijiet ta' dokument ta' referenza tal-BAT li jstabbilixxi l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni biex tiġi vvalutata l-applikabbiltà tagħhom, il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-kontenut minimu ta' sistema ta' ġestjoni ambjentali inklużi l-parametri referenzjarji assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta' konsum assoċjati u, fejn xieraq, il-miżuri rilevanti ta' rimedju tas-siti;”;

(c) jiddaħħal il-punt (13a) li ġej:

“(13a) “livelli ta’ prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli” tfisser il-firxa ta’ livelli ta’ prestazzjoni ambjentali, ħlief il-livelli ta’ emissjonijiet, miksuba f’kundizzjonijiet normali ta’ tħaddim bl-użu ta’ BAT jew taħlita ta’ BATs;”.

(d) il-punt (17) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(17) “il-pubbliku kkonċernat” tfisser il-pubbliku affettwat jew li x’aktarx li jiġi affettwat bit-teħid ta’ deċiżjoni dwar il-ħruġ jew l-aġġornament ta’ permess jew ta’ kundizzjonijiet ta’ permess jew li għandu interess fihom; għall-finijiet ta’ din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;”.

(e) jiddaħħlu l-punti (23a), (23b) u (23c) li ġejjin:

“(23a) “majjali” tfisser majjali kif definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE*;

(23b) “bhejjem tal-ifrat” tfisser annimali domestiċi tal-ispeċi *Bos taurus*;

(23c) “unità tal-bhejjem” jew “LSU” tfisser l-ekwivalenti tar-raġġa ta’ baqra tal-ħalib adult waħda li tipproduċi 3 000 kg ta’ ħalib kull sena, mingħajr oġġetti tal-ikel ikkonċentrati addizzjonali, li tintuża biex tesprimi d-daqs tal-azjendi agrikoli li jrabbu kategoriji differenti ta’ annimali, bl-użu tar-rati ta’ konverżjoni, b’referenza għall-produzzjoni attwali fis-sena kalendarja, stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014**”.

* Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta’ Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5).

** Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18).”;

(f) jiżdiedu l-punti (48) sa (53) li ġejjin:

“(48) “minerali industrijali” tfisser minerali użati fl-industrija għall-produzzjoni ta’ prodotti nofshom lesti jew lesti, bl-eċċezzjoni ta’ minerali li fihom il-metalli, minerali tal-enerġija, minerali tal-kostruzzjoni u ħaġar prezzjuż;

(49) “minerali metalliferi” tfisser minerali li jipproduċu metalli jew sustanzi metalliċi;

(50) “livelli ta’ emissjonijiet assoċjati ma’ metodi tekniċi emerġenti” tfisser il-firxa ta’ livelli ta’ emissjonijiet miksuba f’kundizzjonijiet normali ta’ tħaddim bl-użu ta’ metodu tekniku emerġenti jew b’taħlita ta’ metodi tekniċi emerġenti, espressi bħala medja fuq perjodu ta’ żmien partikolari, f’kundizzjonijiet ta’ referenza speċifikati;

(51) “livelli ta’ prestazzjoni ambjentali assoċjati ma’ metodi tekniċi emerġenti” tfisser il-firxa ta’ livelli ta’ prestazzjoni ambjentali, ħliel il-livelli ta’ emissjonijiet, miksuba f’kundizzjonijiet normali ta’ tħaddim bl-użu ta’ metodu tekniku emerġenti jew b’kombinazzjoni ta’ metodi tekniċi emerġenti;

(52) “assigurazzjoni tal-konformità” tfisser mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-konformità bl-użu ta’ tliet kategoriji ta’ intervent: il-promozzjoni tal-konformità; il-monitoraġġ tal-konformità; segwitu u infurzar.”;

(53) “parametri referenzjarji” tfisser il-firxa indikattiva tal-livelli ta’ prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, minbarra l-livelli ta’ emissjonijiet u jistgħu jinkludu:

- (a) il-livelli tal-konsum;
- (b) il-livelli tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-livelli ta’ użu mill-ġdid li jkopru r-riżorsi ta’ materjali, ilma u enerġija;
- (e) skart u livelli oħra miksuba f’kundizzjonijiet ta’ referenza speċifikati.”.

(4) Fl-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċedura għar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet koperti biss mill-Kapitolu V jew mill-Kapitolu VIa.”.

(5) Fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:

“4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permessi mogħtija skont dan l-Artikolu jsiru disponibbli fuq l-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma jillimitaw l-aċċess għall-utenti rreġistrati. Barra minn hekk, għandu jkun disponibbli għall-pubbliku sommarju ta’ kull permess taħt l-istess kundizzjonijiet. Dak is-sommarju għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

- (a) ħarsa ġenerali tal-kundizzjonijiet prinċipali għal permess;
- (b) il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali;
- (c) kwalunkwe deroga mogħtija f’konformità mal-Artikolu 15(4);
- (d) il-konklużjonijiet applikabbli tal-BAT;
- (e) id-dispożizzjonijiet għar-rikunsiderazzjoni u l-aġġornament tal-permess.

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi l-format li għandu jintuża għas-sommarju msemmi fit-tieni subparagrafu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).”.

- (6) L-Artikoli 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 7

Inċidenti u aċċidenti

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b'mod sinifikanti s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li:

- (a) l-operatur jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti;
- (b) l-operatur jieħu l-miżuri minnufih sabiex jillimita l-konsegwenzi ambjentali u sabiex jipprevjeni aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli;
- (c) l-awtorità kompetenti tirrikjedi li l-operatur jieħu kwalunkwe miżura komplementari adegwata li l-awtorità kompetenti tikkunsidra meħtieġa sabiex jillimita l-konsegwenzi ambjentali u sabiex jipprevjeni aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli.

Fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b'mod sinifikanti s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor tiġi infurmata minnufih. Il-kooperazzjoni transkonfinali u multidixxiplinari bejn l-Istati Membri affettwati għandu jkollha l-għan li tillimita l-konsegwenzi fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u li ttiprevjeni aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli.

Artikolu 8

Nuqqas ta' konformità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-permess jiġu mħarsa.
Huma għandhom jadottaw ukoll miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità biex jippromwovu, jimmonitorjaw u jinforzaw il-konformità mal-obbligi mqieġħda fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi skont din id-Direttiva.
2. Fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet għal permess, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
 - (a) l-operatur jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti;
 - (b) l-operatur jieħu minnufih il-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm konformità fl-inqas żmien possibbli;

- (c) l-awtorità kompetenti tirrikjedi li l-operatur jieħu kwalunkwe miżura komplementari adegwata li l-awtorità kompetenti tikkunsidra meħtieġa biex jerġa' jkun hemm konformità.

Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm ma jerġax ikun hemm konformità skont il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien.

3. Meta l-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikompli jikkawża periklu għas-saħħa tal-bniedem jew effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu jista' jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess.

* Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56)."

- (7) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu (2) jitħassar.

- (8) Fl-Artikolu 11, jiddaħħlu l-punti (fa), (fb) u (fc) li ġejjin:

“(fa) ir-riżorsi materjali u l-ilma jintużaw b'mod effiċjenti , inkluż permezz tal-użu mill-ġdid;

(fb) il-prestazzjoni ambjentali ġenerali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-katina tal-provvista titqies kif xieraq;

(fc) tiġi implimentata sistema ta' ġestjoni ambjentali kif imsemmi fl-Artikolu 14a.”.

- (9) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni.”

- (b) Fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, l-informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi kondiviża biss mal-Kummissjoni u mal-individwi li għejjin li jkunu ffirmaw ftehim ta’ kunfidenzjalità u ta’ nuqqas ta’ divulgazzjoni: ħaddiema taċ-ċivil u impjegati pubbliċi oħra li jirrappreżentaw lill-Istati Membri jew lill-aġenziji tal-Unjoni, u rappreżentanti ta’ organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent. L-iskambju ta’ informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva għandu jibqa’ limitat għal dak li huwa meħtieġ biex jitfasslu, jiġu rieżaminati u, fejn meħtieġ, jiġu aġġornati d-dokumenti ta’ referenza tal-BAT u tali informazzjoni kummerċjali riżervata jew informazzjoni kummerċjali sensittiva ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra.”.

(10) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 11 u 18. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permessi jingħataw wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluż mal-istandards tal-kwalità ambjentali.”;

(ii) fit-tieni subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x’aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor;

* Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta’ Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta’ Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).”;

(iii) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

“(aa) il-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali;”;

(iv) il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta’ taħt l-art u tal-wiċċ, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;”;

(v) jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:

“(ba) rekwiżiti adattati għal sistema ta’ ġestjoni ambjentali kif stabbilit fl-Artikolu 14a.”;

(vi) jiddaħħal il-punt (bb) li ġej:

“(bb) rekwiżiti ta’ monitoraġġ xierqa għall-konsum u l-użu mill-ġdid ta’ riżorsi bħall-enerġija, l-ilma u l-materja prima.”;

(vii) fil-punt (d), jiżdied is-subpunt (iii) li ġej:

(iii) informazzjoni dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika ambjentali msemmija fl-Artikolu 14a. Tali informazzjoni għandha ssir pubblika.”;

(viii) il-punt (h) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(h) kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati xi mkien ieħor.”.

(11) Jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

“Artikolu 14a

Sistema ta’ ġestjoni ambjentali

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur iħejji u jimplimenta, għal kull installazzjoni li taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu, sistema ta’ ġestjoni ambjentali (“EMS”). L-EMS għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet inklużi fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.

L-EMS għandha tiġi riveduta perġodikament biex jiġi żgurat li tkompli tkun xierqa, adegwata u effettiva.

2. L-EMS għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) oġġettivi tal-politika ambjentali għat-titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali u tas-sikurezza tal-installazzjoni, li għandhom jinkludu miżuri biex:

(i) jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart;

(ii) jottimizzaw l-użu tar-riżorsi u l-użu mill-ġdid tal-ilma;

(iii) jipprevjenu jew inaqqsu r-riskji assoċjati mal-użu ta’ sustanzi perikolużi.

(b) oġġettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta’ aspetti ambjentali sinifikanti, li għandhom iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT u l-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-katina tal-provvista;

- (c) għall-installazzjonijiet koperti mill-obbligu li jwettqu awditu tal-enerġija jew li jimplementaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE, l-inklużjoni tar-riżultati ta' dak l-awditu jew l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 8 u l-Anness VI ta' dik id-Direttiva u tal-miżuri għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom;
 - (d) inventarju tas-sustanzi kimiċi tas-sustanzi perikolużi preżenti fl-installazzjoni bħala tali, bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra jew bħala parti mit-taħlitiet, valutazzjoni tar-riskju tal-impatt ta' sustanzi bħal dawn fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u analiżi tal-possibbiltajiet li jiġu sostitwiti b'alternattivi aktar sikuri;
 - (e) miżuri meħuda biex jintlaħqu l-oġettivi ambjentali u biex jiġu evitati riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, inklużi miżuri korrettivi u preventivi fejn meħtieġ;
 - (f) pjan ta' trasformazzjoni kif hemm referenza għalih fl-Artikolu 27d.
3. L-EMS ta' installazzjoni għandha tkun disponibbli fuq l-Internet, mingħajr h̄las u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati.”.

(12) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 15

Valuri limitu tal-emissjonijiet, valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali, parametri ekwivalenti u miżuri tekniċi

“1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandhom japplikaw fil-punt fejn l-emissjonijiet iħallu l-installazzjoni u, kwalunkwe dilwizzjoni qabel dak il-punt għandha tkun injorata meta daww il-valuri jkunu qed jiġu stabbiliti.

Fir-rigward tar-rilaxxi indiretti ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, l-effett ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi barra mill-installazzjoni jista' jitqies meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjoni kkonċernata, dment li l-operatur jiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (a) is-sustanzi niġġiesa rilaxxati ma jfixklux it-tħaddim tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi;
- (b) is-sustanzi niġġiesa rilaxxati ma jagħmlux ħsara lis-saħħa tal-persunal li jaħdem fis-sistemi ta' ġbir u fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi;
- (c) l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi huwa mfassal u mġhammar biex inaqqas is-sustanzi niġġiesa rilaxxati;
- (d) it-tagħbija ġenerali tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati li eventwalment jiġu rilaxxati fl-ilma ma tiżdiedx meta mqabbla mas-sitwazzjoni fejn l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jkunu baqgħu konformi mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti għar-rilaxxi diretti

f'konformità mal-paragrafu (3) ta' dan l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għal miżuri aktar stretti meħtieġa skont l-Artikolu 18.

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi f'anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu, inkluż ir-risultat tal-valutazzjoni mill-operatur tat-twettiq tal-kundizzjonijiet meħtieġa.

L-operatur għandu jipprovdi valutazzjoni aġġornata f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet għal permess jenħtieġ li jinbidlu biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (d) jiġu ssodisfati.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi msemmija fl-Artikolu 14(1) u (2) għandhom jiġu bbażati fuq BAT, mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' xi metodu tekniku jew teknoloġija speċifika.
3. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-aktar valuri limitu tal-emissjonijiet stretti possibbli li huma konsistenti mal-aktar emissjonijiet baxxi li jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni tal-BAT fl-installazzjoni, u li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur li tanalizza l-fattibilità li jiġi ssodisfat it-tarf l-aktar strett tal-medda tal-BAT-AEL u li tintwera l-aħjar prestazzjoni li tista' tikseb l-installazzjoni billi tiġi applikata l-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) il-ħolqien ta' valuri limitu tal-emissjonijiet espressi għall-istess perjodi jew għal perjodi ta' żmien iqsar u skont l-istess kundizzjonijiet ta' referenza bħal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli; jew
 - (b) il-ħolqien ta' valuri limitu tal-emissjonijiet differenti minn dawk imsemmija taħt il-punt (a) f'termini ta' valuri, perjodi ta' żmien u kundizzjonijiet ta' referenza.

Fejn il-valuri limitu tal-emissjonijiet jiġu stabbiliti f'konformità mal-punt (b), l-awtorità kompetenti għandha, mill-anqas darba fis-sena, tivvaluta r-risultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet sabiex ikun żgurat li l-emissjonijiet f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim ma jkunux qabżu l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

- 3a. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, tali valuri limitu tal-prestazzjoni ma jaqbżux il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BATs kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5).
4. B'deroga mill-paragrafu 3, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, l-awtorità kompetenti tista', f'każijiet speċifiċi, tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti. Deroga ta' dan it-tip tista' tapplika biss fejn hemm valutazzjoni li turi

li l-ilħuq ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT twassal għal kostijiet sproporzjonalment oġġla meta mqabbla mal-benefiċċji ambjentali minħabba:

- (a) il-pożizzjoni ġeografika jew il-kundizzjonijiet ambjentali lokali tal-installazzjoni kkonċernata; jew
- (b) il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata.

L-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta f'anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu inkluż ir-riżultat tal-valutazzjoni u l-ġustifikazzjoni għall-kundizzjonijiet imposti.

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti b'konformità mal-ewwel subparagrafu, madankollu, ma għandhomx jaqbu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Annessi għal din id-Direttiva, fejn applikabbli.

Id-derogi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu. Id-derogi ma għandhomx jingħataw meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali msemmija fl-Artikolu 18.

L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid jekk id-deroga mogħtija skont dan il-paragrafu hijiex ġustifikata kull erba' snin jew bħala parti minn kull rikunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21, fejn tali rikunsiderazzjoni ssir aktar kmieni minn erba' snin wara li tkun ingħatat id-deroga.

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, biex tistabbilixxi metodoloġija standardizzata għall-valutazzjoni tad-disproporzjonalità bejn il-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT u l-benefiċċji ambjentali potenzjali msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).”.

- (13) Jiddaħħal l-Artikolu 15 a li ġej:

“Artikolu 15 a

Valutazzjoni tal-konformità

1. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 14(1), il-punt (h), il-korrezzjoni magħmula għall-kejl biex jiġu ddeterminati l-valuri medji vvalidati tal-emissjonijiet ma għandhiex taqbeż l-inċertezza tal-kejl tal-metodu ta' kejl.
2. Il-Kummissjoni għandha sa [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodu ta' kejl għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-

permiss fir-rigward tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).

Il-metodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jindirizza, bħala minimu, id-determinazzjoni tal-valuri medji vvalidati tal-emissjonijiet u għandu jistabbilixxi kif għandhom jitqiesu l-inċertezza tal-kejl u l-frekwenza tal-qbiż tal-valuri limitu tal-emissjonijiet fil-valutazzjoni tal-konformità.

3. Meta installazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu III jew IV u tintwera l-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'konformità ma' dan il-Kapitolu skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-installazzjoni għandha titqies li tikkonforma wkoll mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti skont il-Kapitolu III jew IV għas-sustanzi niġġiesa kkonċernati.”.

(14) Fl-Artikolu 16, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

- “3. Meta tkun inġhatat deroga msemmija fl-Artikolu 15(4), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur jimmonitorja l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati mid-deroga li huma preżenti fl-ambjent riċeventi. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għandhom jiġu trażmessi lill-awtorità kompetenti. Fejn ikun rilevanti, għandhom jintużaw metodi ta' monitoraġġ u ta' kejl għal kull sustanza niġġiesa kkonċernata stabbiliti f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni għall-fini tal-monitoraġġ imsemmi f'dan il-paragrafu.”.

(15) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 18

Standards ta' kwalità ambjentali

Meta standard tal-kwalità ambjentali jkun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, għandhom jiġu inklużi miżuri addizzjonali fil-permess bil-għan li titnaqqas il-kontribuzzjoni speċifika tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż-żona rilevanti.

Fejn ikunu ġew inklużi kundizzjonijiet aktar stretti fil-permess skont l-ewwel paragrafu, għandu jkun meħtieġ monitoraġġ regolari tal-konċentrazzjoni ta' sustanzi niġġiesa rilevanti fl-ambjent riċeventi li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-installazzjonijiet ikkonċernati mill-operatur, u r-riżultati ta' tali monitoraġġ għandhom jiġu trażmessi lill-awtorità kompetenti. Meta l-metodi ta' monitoraġġ u ta' kejl għas-sustanzi niġġiesa kkonċernati jkunu stabbiliti f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, dawn il-metodi għandhom jintużaw għall-fini tal-monitoraġġ imsemmi f'dan il-paragrafu.”.

(16) Fl-Artikolu 21(5), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “(c) fejn ikun meħtieġ li jkun hemm konformità ma' standard ta' kwalità ambjentali msemmi fl-Artikolu 18, inkluż fil-każ ta' standard ta' kwalità ġdid jew rivedut jew fejn l-istatus tal-ambjent riċeventi jeħtieġ reviżjoni tal-permess sabiex tinkiseb

konformità mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.”.

(17) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) l-aġġornament ta' permess jew il-kundizzjonijiet għal permess għal installazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21(5), il-punti (a), (b) u (c);”;

(ii) jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) l-aġġornament ta' permess f'konformità mal-Artikolu 21(3) jew l-Artikolu 21(4).”.

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Meta tkun ittiegħdet deċiżjoni dwar il-ħruġ, il-konsiderazzjoni mill-ġdid jew l-aġġornament ta' permess, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, fir-rigward tal-punti (a), (b) u (f), l-informazzjoni li ġejja:”;

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li saru qabel ma ttiegħdet id-deċiżjoni, inklużi l-konsultazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 26, u spjegazzjoni ta' kif dawk il-konsultazzjonijiet tqiesu f'dik id-deċiżjoni;”;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, dan li ġej:

(a) informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri meħudin mill-operatur mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 22;

(b) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet kif meħtieġ skont il-kundizzjonijiet għal permess u miżmumin mill-awtorità kompetenti;

(c) ir-riżultati tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 16(3) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18.”.

(18) Fl-Artikolu 25(1), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Preżenza fil-proċedura ta’ rieżami ma tistax tkun kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membri tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-tehd ta’ deċiżjonijiet skont din id-Direttiva.

Il-proċedura ta’ rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, f’waqtha u mhux għalja b’mod projbittiv, u għandha tipprovdi għal mekkaniżmi ta’ rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b’mandat ta’ inibizzjoni kif xieraq.”.

(19) Fl-Artikolu 26, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dan li ġej:

- “1. Meta Stat Membru jkun konxju li t-tħaddim ta’ installazzjoni jista’ jkollu effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta’ Stat Membru ieħor, jew meta Stat Membru li x’aktarx li jiġi affettwat b’mod sinifikanti jitlob dan, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 20(2) għandu jibgħat lill-Istat Membru l-ieħor kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li trid tingħata jew li trid tkun magħmula disponibbli skont l-Anness IV fl-istess waqt li jagħmilha disponibbli lill-pubbliku. Abbażi ta’ dik l-informazzjoni, għandhom jitwettqu konsultazzjonijiet bejn iż-żewġ Stati Membri, filwaqt li jiġi żgurat li l-kummenti mill-Istat Membru li jista’ jiġi affettwat b’mod sinifikanti jiġu pprovduti qabel ma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess, tasal għad-deċiżjoni tagħha. Jekk ma jingħata l-ebda kumment mill-Istat Membru li jista’ jiġi affettwat b’mod sinifikanti fil-perjodu għall-konsultazzjoni tal-pubbliku kkonċernat, l-awtorità kompetenti għandha tipproċedi bil-proċedura tal-ġoti tal-permessi.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-applikazzjoni għal permess issir disponibbli wkoll għal kummenti lill-pubbliku tal-Istat Membru li jista’ jiġi affettwat b’mod sinifikanti u tibqa’ disponibbli għall-istess perjodu ta’ żmien kif previst fl-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni.”.

(20) L-intestatura li ġejja tiddaħħal wara l-Artikolu 26:

“KAPITOLU IIa

PROMOZZJONI TAL-INNOVAZZJONI”

(21) L-Artikolu 27 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 27*

Metodi tekniċi emerġenti

L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta’ metodi tekniċi emerġenti, b’mod partikolari fejn tali metodi tekniċi jkunu ġew identifikati fil-konklużjonijiet tal-BAT, fid-dokumenti ta’ referenza tal-BAT jew fis-sejbiet taċ-ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali msemmija fl-Artikolu 27a.”.

(22) Jiddaħħlu l-Artikoli 27a sa 27d li ġejjin:

Ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u topera ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali (iċ-“ċentru” jew l-“INCITE”).
2. Iċ-ċentru għandu jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti rilevanti għall-attivitajiet fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, u jikkarakterizza l-livell ta’ żvilupp tagħhom u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet taċ-ċentru meta tħejji l-programm ta’ ħidma għall-iskambju ta’ informazzjoni msemmi fl-Artikolu 13(3), il-punt (b), u meta tfassal, tirrevedi u taġġorna d-dokumenti ta’ referenza tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(1).
3. Iċ-ċentru għandu jkun assistit minn:
 - (a) rappreżentanti tal-Istati Membri;
 - (b) istituzzjonijiet pubbliċi rilevanti;
 - (c) istituti ta’ riċerka rilevanti;
 - (d) organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija;
 - (e) rappreżentanti tal-industriji kkonċernati;
 - (f) fornituri tat-teknoloġija;
 - (g) organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ambjentali;
 - (h) il-Kummissjoni.
4. Iċ-ċentru għandu jagħmel is-sejbiet tiegħu pubbliċi, soġġett għar-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2003/4/KE.

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati meħtieġa għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-ċentru. Dan l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).

Artikolu 27b

Ittestjar ta’ metodi tekniċi emerġenti

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, l-awtorità kompetenti tista’ tagħti derogi temporanji mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2) u (3) u mill-prinċipji stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11, għall-ittestjar ta’ metodi tekniċi emerġenti għal perjodu totali ta’ żmien li ma jaqbiżx l-24 xahar.

Artikolu 27c

Livelli ta’ emissjonijiet assoċjati ma’ metodi tekniċi emerġenti

B'deroga mill-Artikolu 21(3), l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, fi żmien sitt snin mill-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-konklużjonijiet tal-BAT f'konformità mal-Artikolu 13(5) relatata mal-attività ewlenija ta' installazzjoni, l-emissjonijiet ma għandhomx, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, jaqbu l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-metodi tekniċi emerġenti kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT.

Artikolu 27d

Trasformazzjoni lejn industrija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li sat-30 ta' Ġunju 2030 l-operatur jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata fil-punti 1, 2, 3, 4, 6.1a, u 6.1b tal-Anness I. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-installazzjoni se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru 2031, l-organizzazzjoni tal-awditu kkuntrattata mill-operatur bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu, tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, bħala parti mir-rieżami tal-kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21(3) wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT wara l-1 ta' Jannar 2030, l-operatur jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu msemmija fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I li mhijiex imsemmija fil-paragrafu 1. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-installazzjoni se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tal-awditu kkuntrattata mill-operatur bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4.

3. L-operatur għandu jagħmel il-pjan ta' trasformazzjoni tiegħu kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 pubbliċi, bħala parti mill-pubblikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu.
4. Il-Kummissjoni għandha sat-30 ta' Ġunju 2028, tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).”.

(23) Fl-Artikolu 42(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-impjanti tal-gassifikazzjoni jew tal-pirolisi, jekk il-gassijiet jew il-likwidi li jirriżultaw minn tali trattament termali tal-iskart jiġu ttrattati qabel l-inċinerazzjoni tagħhom sa tali punt li:

- (a) l-inċinerazzjoni ma tikkawżax emissjonijiet oġhla mill-kombustjoni tal-fjuwils li jniġġsu l-anqas disponibbli fis-suq li jistgħu jiġu maħruqa fl-installazzjoni;
- (b) għall-emissjonijiet minbarra l-ossidi tan-nitroġenu, l-ossidi tal-kubrit u t-trab, l-inċinerazzjoni ma tikkawżax emissjonijiet oġhla mill-emissjonijiet mill-inċinerazzjoni jew mill-koinċinerazzjoni tal-iskart.”.

(24) L-intestatura li ġejja tiddaħħal wara l-Artikolu 70:

“KAPITOLU VIa

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAT-TROBBIJA TA’ TJUR, MAJJALI U
BHEJJEM TAL-IFRAT”**

(25) L-Artikoli 70a sa 70i li ġejjin jiddaħħlu wara l-intestatura “KAPITOLU VIa”:

“Artikolu 70 a

Kamp ta’ applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-attivitajiet stabbiliti fl-Anness Ia li jilhqgħu l-limiti tal-kapaċità stabbiliti f’dak l-Anness.

Artikolu 70b

Regola ta’ aggregazzjoni

Jekk żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu jinsabu qrib xulxin u jekk l-operatur tagħhom ikun l-istess jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta’ operaturi li jkunu involuti f’relazzjoni ekonomika jew legali, l-installazzjonijiet ikkonċernati għandhom jitqiesu bħala unità waħda għall-fini tal-kalkolu tal-limitu tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 70a.

Artikolu 70c

Permessi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ebda installazzjoni li taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu ma tiftaddem mingħajr permess u li l-operat tagħha jikkonforma mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i.

L-Istati Membri jistgħu jinkludu rekwiżiti għal ċerti kategoriji ta' installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6.

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-proċedura għall-għoti ta' permess fir-rigward ta' installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Dawk il-proċeduri għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2.

2. L-applikazzjonijiet għall-permessi għandhom jinkludu mill-inqas deskrizzjoni tal-elementi li ġejjin:
 - (a) l-installazzjoni u l-attivitajiet tagħha
 - (b) it-tip ta' animal
 - (c) il-kapaċità tal-installazzjoni;
 - (d) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni;
 - (e) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli mill-installazzjoni f'kull mezz.
3. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll sommarju mhux tekniku tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla sostanzjali ppjanata għall-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent. Meta xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u taġġorna l-permess.

Artikolu 70d

Obbligi tal-operatur

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur iwettaq monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati f'konformità mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i.

L-operatur għandu jżomm rekord ta', u jipproċessa, ir-risultati kollha tal-monitoraġġ, għal perjodu ta' mill-inqas sitt snin, b'tali mod li tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i.
2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i, l-Istati Membri għandhom jirrikjedju li l-operatur jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm il-konformità fl-iqsar żmien possibbli.

3. L-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe tixrid fuq l-art ta' skart, prodotti sekondarji tal-annimali jew residwi oħra ġġenerati mill-installazzjoni jitwettaq f'konformità mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, kif speċifikat fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i, u leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u li ma tikkawżax tniġġis sinifikanti tal-ambjent.

Artikolu 70e

Monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir monitoraġġ xieraq f'konformità mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i.
2. Ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ għandhom jiġu rreġistrati, ipproċessati u ppreżentati b'tali mod li l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' tħaddim, il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali li huma inklużi fir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6 jew fil-permess.
3. L-operatur għandu, mingħajr dewmien, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, id-*data* u l-informazzjoni elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel talba bħal din sabiex tivverifika l-konformità mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel talba bħal din, jekk membru tal-pubbliku jitlob aċċess għad-*data* jew għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 70f

Nuqqas ta' konformità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valuri għall-emissjonijiet u l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali mmonitorjati skont ir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fihom.
2. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu sistema ta' monitoraġġ tal-konformità effikaċi, ibbażata fuq spezzjonijiet ambjentali jew miżuri oħra, biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.
3. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tirrikjedi li l-operatur jieħu kwalunkwe miżura, minbarra l-miżuri meħuda mill-operatur skont l-Artikolu 70d, li tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li jerġa' jkun hemm konformità mingħajr dewmien.

Fejn in-nuqqas ta' konformità jikkawża degradazzjoni sinifikanti tal-kundizzjonijiet lokali tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew fejn dan joħloq, jew jirriskja li joħloq, periklu sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, it-tħaddim tal-installazzjoni għandu jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm jerġa' jkun hemm konformità.

Artikolu 70g

Informazzjoni u parteċipazzjoni pubblika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jingħata opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex jipparteċipa fil-proċeduri li ġejjin:
 - (a) it-tnejn ta' regoli ġenerali vinkolanti kif imsemmi fl-Artikolu 6 dwar permessi għal installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu;
 - (b) l-għoti ta' permess għal installazzjoni ġdida li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu;
 - (c) l-għoti ta' permess aġġornat f'konformità mal-Artikolu 70c.4 għal kwalunkwe bidla sostanzjali f'installazzjoni eżistenti li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.
2. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, mingħajr hłas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:
 - (a) il-permess;
 - (b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li saru f'konformità mal-paragrafu 1;
 - (c) ir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6 applikabbli għal installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu;
 - (d) ir-rapporti tal-ispezzjonijiet tal-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 70h

Aċċess għall-ġustizzja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew quddiem korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet soġġetti għal dan il-Kapitolu meta titwettaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ikollhom interess suffiċjenti;
 - (b) iżommu l-indeboliment ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala prekundizzjoni.

Il-proċedura ta' rieżami tista' ma tkunx kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membri tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva.

Il-proċedura ta' rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha ttiprovdi għal mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet.

Artikolu 70i

Regoli Operattivi

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom rekwiżiti konsistenti mal-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għall-attivitajiet elenkati fl-Anness Ia, li għandhom jinkludu dan li ġej:

- (a) valuri limitu tal-emissjonijiet;
- (b) rekwiżiti tal-monitoraġġ;
- (c) prattiki ta' tiffrix fir-raba';
- (d) prattiki ta' prevenzjoni u mitigazzjoni tat-tniġġis;
- (e) valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali;
- (f) miżuri oħra konsistenti mal-Anness III.

Ir-regoli operattivi għandhom iqisu, fost l-oħrajn, in-natura, it-tip, id-daqs u d-densità ta' dawn l-installazzjonijiet u l-ispeċifikitajiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jkunu mrobbija biss skont l-istaġun f'installazzjonijiet fuq ġewwa.

2. Il-Kummissjoni għandha sa [[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva](#)] tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 76 biex jissupplimenta din id-Direttiva billi jistabbilixxi r-regoli operattivi msemmija fil-paragrafu 1.”.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha għall-permessi għall-installazzjonijiet ikkonċernati jkunu konformi mar-regoli operattivi msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 42 xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jistabbilixxi dawk ir-regoli.”.

- (26) Fl-Artikolu 73(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Sat-30 ta' Ġunju 2028 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis id-dinamiċi tal-innovazzjoni u r-rieżami msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Dak ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa ta' azzjoni tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment jew l-aġġornar tar-rekwiżiti minimi madwar l-Unjoni għall-valuri

limitu tal-emissjonijiet u għar-regoli dwar il-monitoraġġ u l-konformità għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT adottati matul il-perjodu preċedenti ta' ħames snin, abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) l-impatt tal-attivitajiet ikkonċernati fuq l-ambjent b'mod ġenerali u fuq is-saħħa tal-bniedem;
- (b) il-qagħda tal-implimentazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għall-attivitajiet ikkonċernati.”.

(27) L-Artikolu 74 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 74

Emendi tal-Annessi

1. Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 76 fir-rigward tal-adattament tal-Partijiet 3 u 4 tal-Anness V, il-Partijiet 2, 6, 7 u 8 tal-Anness VI u l-Partijiet 5, 6, 7 u 8 tal-Anness VII għal dan il-progress xjentifiku u tekniku.
2. Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu jistgħu jilhqnu l-oġettivi tagħha li tipprevjeni jew li tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 76, biex temenda l-Anness I jew l-Anness Ia billi tinkludi f'dawk l-Annessi attività agroidustrijali li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:
 - (a) għandha jew huwa mistenni li jkollha impatt fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tal-użu tar-riżorsi;
 - (b) il-prestazzjoni ambjentali tagħha tvarja fi ħdan l-Unjoni;
 - (c) tippreżenta potenzjal għal tiġib f'termini tal-impatt ambjentali tiegħu permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli jew metodi tekniċi innovattivi;
 - (d) l-inklużjoni tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva hija vvalutata, abbażi tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħha, biex ikollha proporzjon favorevoli ta' benefiċċji tas-soċjetà għall-kostijiet ekonomiċi.
3. Il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati qabel ma tadotta atti delegati f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-istudji u l-analiżijiet rilevanti użati fit-tnejn ta' atti delegati adottati f'konformità ma' dan l-Artikolu, mhux aktar tard mill-adozzjoni tal-atti delegati.”.

(28) L-Artikolu 75 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Proċedura ta’ Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat.
Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
 2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”.
- (29) L-Artikolu 76 huwa sostitwit b’dan li ġejj:

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemija fl-Artikoli 48(5), l-Artikolu 70i u l-Artikolu 74 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ħames snin minn ...[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk joġġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa’ xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ ħames snin. Id-delega ta’ setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta’ żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezżjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 48(5), fl-Artikolu 70i u fl-Artikolu 74 tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’dak aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f’konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 15(4) jew 48(5) jew l-Artikolu 74 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġeżżjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezżjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”.

(30) Jitħassru l-Artikoli 77 u 78.

(31) L-Artikolu 79 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 79

Penali

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk id-dispożizzjonijiet, u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.
2. Il-penali msemija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li effettivament iċaħħad lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jizjed gradwalment għal ksur ripetut. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-inqas 8 % tal-fatturat annwali tal-operatur fl-Istat Membru kkonċernat.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali msemija fil-paragrafu 1 iqisu kif xieraq dan li ġej, kif applikabbli:
 - (a) in-natura, il-gravità, u l-firxa tal-ksur;
 - (b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;
 - (c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwat mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-oġettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.”.

(32) Jiddaħħal l-Artikolu 79 a li ġej:

“Artikolu 79a

Kumpens

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali li ġew adottati skont din id-Direttiva, l-individwi affettwati jkollhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti u, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli għall-ksur.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bħala parti mill-pubbliku kkonċernat, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali jitħallew jirrappreżentaw lill-individwi affettwati u jressqu azzjonijiet kollettivi għal kumpens. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li talba għal ksur li jwassal għal dannu ma tkunx tista' tiġi segwita darbtejn, mill-individwi affettwati u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi msemmija f'dan il-paragrafu.
 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont il-paragrafu 1.
 4. Fejn ikun hemm talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, appoġġata minn evidenza li minnha tista' tiġi preżunta rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-ksur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà tkun fuq il-persuna responsabbli għall-ksur biex turi li l-ksur ma kkawżax jew ma kkontribwixxiex għad-dannu.
 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodi ta' preskrizzjoni biex jitressqu azzjonijiet għal kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux iqsar minn ħames snin. Tali perjodi ma għandhomx jibdeu qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf jew raġonevolment tista' tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn ksur skont il-paragrafu 1.”.
- (33) L-Anness I huwa emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Direttiva.
- (34) Jiddaħħal l-Anness Ia kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva.
- (35) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 1999/31/KE

Fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 1999/31/KE, jitħassar il-paragrafu 2.

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza

meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

- Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

- 09 Riżorsi Naturali u Ambjent

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁸²
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. *Objettiv(i) ġenerali*

- Il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika mill-effetti negattivi tat-tniġġis minn installazzjonijiet agroindustrijali kbar.
- L-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi kompetittivi f'livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.
- It-tneġġig ta' trasformazzjoni agroindustrijali profonda lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-EGD, inkluż tniġġis żero, newtralità tal-karbonju, ambjent mhux tossiku u ekonomija ċirkolari.
- It-titjib tal-aċċess għall-informazzjoni u l-ġustizzja, u ż-żieda tal-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

- It-titjib tal-effettività tal-IED.

⁸² Kif insemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- L-iżgurar li l-IED tappoġġa l-adozzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti matul it-trasformazzjoni industrijali li għaddejja anke permezz ta' permessi/rieżamijiet aktar dinamiċi tal-permessi ta' installazzjonijiet kbar
- It-trawwim tal-adozzjoni u tal-investimenti fil-metodi tekniċi b'mod sinerġiku, il-prevenzjoni/it-tnaqqis konġunt tat-tniġġis u tal-emissjonijiet tal-karbonju.
- Il-kontribut għat-tranżizzjoni lejn l-użu ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri u inqas tossiċi, effiċjenza mtejba fir-riżorsi (l-enerġija, l-ilma u l-prevenzjoni tal-iskart) u ċirkolarità akbar.
- L-indirizzar tal-impatti dannużi fuq is-saħħa u l-ambjent minn attivitajiet agroindustrijali li bħalissa mhumiex regolati mill-IED.
- It-titjib tal-aċċess tal-individwi privati u tas-soċjetà ċivili għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-aċċess għall-ġustizzja (inkluż rimedju effettiv) fir-rigward tal-permessi, it-tħaddim u l-kontroll tal-installazzjonijiet regolati.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

- *Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

- Id-Direttiva proposta se tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-IED u se tirriżulta f'allinjament aktar mill-qrib ma' għanijiet usa' tal-politika tal-EGD.
- Dan se jiffaċilita użu akbar ta' metodi tekniċi innovattivi ta' tindif mit-tniġġis u se jippromwovi metodi ta' produzzjoni effiċjenti fir-riżorsi, ċirkolari u b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju, u b'hekk itejjeb ir-reżiljenza tal-UE u jnaqqas l-impatti dannużi kemm fuq is-saħħa pubblika kif ukoll fuq il-bijodiversità. Il-proposta se tindirizza wkoll it-tħassib rilevanti tal-partijiet ikkonċernati dwar l-interazzjonijiet attwali u futuri bejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa (it-tindif mit-tniġġis) u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (id-dekarbonizzazzjoni) inkluża l-koerenza tal-politika biex jiġi massimizzat il-kontribut tal-installazzjonijiet agroindustrijali għall-miri doppji tal-UE ta' Tniġġis Żero u Newtralità Karbonika.
- Fl-aħħar nett, is-“sommarju tal-permessi” armonizzat u ppubblikat fil-futur se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-impatt ambjentali tal-installazzjonijiet agroindustrijali u jżid il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

- *Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

- L-informazzjoni li tinkludi l-emissjonijiet ġenerali ta' sustanzi niġġiesa rrapportati mill-operaturi lir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (il-PRTR Ewropew) se tipprovdi indikaturi ewlenin biex jiġi segwit il-progress fl-ilhug tal-oġġettivi ta' din l-inizjattiva. Dawk l-indikaturi jiġu prodotti fuq bażi regolari, huma komparabbli u faċilment aċċessibbli permezz tal-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali

ġestit mill-EEA.

- Il-granularità akbar tar-rapportar tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fil-livell tal-installazzjoni se tippermetti l-monitoraġġ tal-proċessi ewlenin fi ħdan setturi li l-prestazzjoni ambjentali tagħhom qiegħda titjeb jew għadha lura.
- L-inklużjoni tar-rapportar tal-użu tar-riżorsi se tippermetti d-definizzjoni ta' indikaturi ġodda dwar l-użu tal-materjali, l-ilma u l-enerġija, li se jippermettu t-traċċar tat-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi.
- Il-monitoraġġ tal-pass tal-iżvilupp u tal-adozzjoni tal-innovazzjonijiet u tat-trasformazzjoni meħtieġa li tirriżulta tas-setturi tal-IED biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE għall-2030 u l-2050 se jiġu żgurati minn mekkaniżmu ġdid ġestit miċ-Ċentru tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE) permezz tal-indikaturi li ġejjin:
 - Il-Livell ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) ta' metodi tekniċi emerġenti għal kull settur;
 - Il-prestazzjoni tal-emissjonijiet ta' metodi tekniċi emerġenti;
 - L-iskeda ta' żmien tal-adozzjoni antiċipata "fil-prattika" ta' teknoloġiji bħal dawn;
 - Id-distanza mill-indikaturi fil-mira, għal kull settur tal-IED.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneđija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

- Din id-dikjarazzjoni finanzjarja se tiżgura l-finanzjament għas-servizzi tal-Kummissjoni (ENV u JRC) u l-ECHA biex jipprovdu għadd ta' attivitajiet ġodda, previsti fil-proposta tal-IED. Dawn l-attivitajiet huma ta' natura differenti:
 - attivitajiet ta' darba marbuta mat-tħejjija u n-negozjar ta' atti ta' implimentazzjoni
 - kompiti regolari, jiġifieri dawk li ġejjin minbarra l-obbligi ta' implimentazzjoni u infurzar li qed jitwettqu bħalissa u li jirriżultaw minn kamp ta' applikazzjoni usa' u approfondit tad-Direttiva
 - kompiti relatati mal-istabbiliment u t-tħaddim tal-INCITE.
- **Skeda ta' żmien:**
 - Q2 2022 – Q4 2023: negozjar tal-proposta. Minħabba n-natura kumplessa tal-proposta u l-ħtieġa tal-kunsiderazzjoni tar-reviżjoni tal-PRTR Ewropew, in-negozjati jistgħu jeħtieġu aktar riżorsi u ħin mill-medja.
 - Q2 2024 – Q4 2027: varar u tħaddim ta' BREFs ġodda (Dokumenti ta' Referenza tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli). Il-BREFs il-ġodda jirriżultaw minn estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni fil-proposta. Dan il-proċess huwa taħlita ta' ħidma teknika u validazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u huwa attribwit prinċipalment lill-JRC.

- Q1 2024 – Q4 2027: reviżjonijiet tal-BREFs; ir-riżorsi addizzjonali fir-reviżjonijiet huma marbuta ma' elementi ġodda li l-BREFs se jkollhom ikopru, bħall-ekonomija ċirkolari, id-dekarbonizzazzjoni u ambjent inqas tossiku. Dan il-proċess huwa taħlita ta' ħidma teknika u validazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u huwa attribwit prinċipalment lill-JRC.

- Q1 2024 – Q4 2027: tnedija u twestiq tal-ħidma teknika biex jiġi appoġġat l-abbozzar ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-azjendi agrikoli tal-bhejjem. Għalkemm mhux BREF fih innifsu, il-proċess għall-iżvilupp tal-kontenut tekniku tal-att ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkun simili għall-proċess tal-BREF.

- Q1 2024 l-ECHA għandha tibda tibni metodoloġija biex tikkondividi informazzjoni dwar l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent tas-sustanzi kimiċi identifikati fil-BREFs.

- Q1 2024 - Q4 2025 – ħidma analitika għat-tnejn ta' tliet atti ta' implimentazzjoni u n-negozjati tagħhom. Dawn l-atti se jinvolvu l-istabbiliment ta' metodoloġija armonizzata biex jiġu applikati derogi (l-Artikolu 15.4), regoli komuni għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet skont il-Kapitolu II (l-Artikolu 15a) u l-funzjonament tal-INCITE. Għal dan tal-aħħar, kemm il-JRC kif ukoll id-DĠ ENV ikollhom rwol x'jaqdu fl-iżgurar tal-konformità sħiħa mal-istandards tal-BREF, it-trasparenza u l-karattru parteċipattiv tal-INCITE.

- Q1 2024 – tnedija tal-INCITE.

- Q1 2026 - Q4 2027 – ħidma analitika u preparatorja qabel l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni dwar il-pjanijiet ta' trasformazzjoni, imbagħad segwitu. Dan se jinvolvi t-tfassil ta' deċiżjoni dwar il-format u l-kamp ta' applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni.

- Q1 2026 – Q4 2027: ħidma preparatorja għar-rapport dwar is-sinerġiji mal-ETS. Ir-rapport huwa mistenni fl-2028.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.

- Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)
- L-Istati Membri waħedhom ma jistgħux itaffu b'mod effettiv l-impatti tat-tniġġis minn installazzjonijiet agroindustrijali minħabba l-karattru transkonfinali tat-tniġġis. Barra minn hekk, bin-nuqqas ta' approċċ komuni tal-UE għall-istabbiliment ta' standards ta' prestazzjoni ambjentali, l-istess industriji jiffaċċjaw regolamentazzjoni differenti dwar il-kontroll tat-tniġġis f'kull Stat Membru. Dan jista' jirriżulta fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet mhux ekwi, fil-frammentazzjoni tas-suq uniku u f'impediment għall-politiki ambjentali u tas-saħħa tal-Unjoni.
- Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

- Is-sistema bbażata fuq il-BAT tal-IED flimkien mal-PRTR Ewropew jipprovdu informazzjoni użata mill-Istati Membri kollha, permezz ta' proċess uniku ta' skambju ta' informazzjoni fil-livell tal-UE, li jissostitwixxi l-ħtieġa li kull Stat Membru jistabbilixxi proċessi nazzjonali. L-operaturi tal-impjanti fl-Istati Membri kollha jiksibu effiċjenzi ekonomiċi billi jkollhom jaderixxu biss ma' approċċ regolatorju uniformi wieħed madwar l-UE. Is-sistema tal-UE qiegħda tintuża dejjem aktar minn pajjiżi terzi, u b'hekk qiegħda tippromwovi kundizzjonijiet ekwi internazzjonali.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

- L-evalwazzjoni tal-IED ikkonkludiet li d-Direttiva hija ġeneralment effettiva fil-prevenzjoni u fil-kontroll tat-tniġġis fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija minn attivitajiet industrijali, kif ukoll fl-ixprunar 'il quddiem tal-inkorporazzjoni tal-BAT. Il-proċess għall-produzzjoni tal-BREFs u għall-identifikazzjoni tal-BAT ħadem tajjeb, u huwa rikonoxxut bħala mudell ta' governanza kollaborattiva u ta' ħolqien konġunt tal-leġislazzjoni. Għad hemm nuqqasijiet fl-indirizzar tal-effiċjenza fir-riżorsi, tal-ekonomija ċirkolari u tal-metodi ta' produzzjoni mhux tossiċi u fil-qbid ta' fluss sinifikanti ta' emissjonijiet industrijali minn xi setturi li jwasslu għal falliment tas-suq: in-niġġiesa ma jħallsux il-kostijiet veri tat-tniġġis li jikkawżaw. Fl-aħħar nett, id-Direttiva mhijiex effiċjenti fil-promozzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni, teknoloġiji u innovazzjoni ġodda.
- Bejn l-2017 u l-2019, id-DĠ ENV ittestja metodoloġija biex iħaddem iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni. Din segwiet studju tal-2015 li eżamina l-għażliet għat-titjib tal-adozzjoni tal-innovazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar metodi tekniċi emerġenti. L-oġettiv ġenerali taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni kien li jidentifika l-aktar metodi tekniċi moderni billi jinvolvi ruħu ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, u li jivvaluta l-grad ta' żvilupp tagħhom, billi juża l-Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL). L-approċċ intuża fuq il-BREFs u t-teknoloġiji tat-tessuti, tal-biċċeriji u tal-prodotti sekondarji tal-animali li jittrattaw kwistjonijiet trasversali, u wera li huwa effiċjenti u effettiv fl-appoġġ tal-proċess ta' reviżjoni tal-BREFs. Din il-proposta għall-INCITE tibni fuq il-konklużjonijiet tal-Proġetti Pilota.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

- Din l-azzjoni hija konsistenti ma' politiki oħra tal-UE u inizjattivi li għaddejjin bħalissa li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

- **Sitwazzjoni attwali:**
- L-attività kollha relatata mal-BREFs tibqa' f'idejn l-Uffiċċju Ewropew tal-Prevenzjoni u tal-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (EIPPCB, parti mill-JRC) stabbilit fl-1997 biex jorganizza skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-UE, l-industrija u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali dwar l-

Aħjar Metodi Tekniċi Disponibbli (BAT) użati għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis industrijali. Il-Bureau għandu know-how, għarfien u versatilità biex imexxi l-proċess mingħajr xkiel. Dan jiżgura li d-*data* tkun robusta, li l-proċess ma jkunx preġudikat, u li l-informazzjoni tkun protetta, u għalhekk il-proċess ikun rikonoxxut sew mill-Istati Membri, mill-NGOs ambjentali u mill-industrija.

- Ħmistax-il uffiċjal xjentifiku FTE b'appoġġ minn 2,5 FTEs għal segretarjat/appoġġ tal-IT bħalissa (Marzu 2022) ikopru l-kompiti relatati mal-BREFs ta' hawn fuq. Dan jippermetti ħidma kontinwa fuq it-tfassil u r-rieżami ta' massimu ta' madwar tmien BREFs fl-istess ħin. Il-Bureau huwa ffinanzjat bis-sħiħ (100 %) permezz tal-baġit istituzzjonali tal-JRC mingħajr l-ebda kontribuzzjoni mid-DĠ ENV (l-ebda Arranġament Amministrattiv).

- Mill-2022, l-Uffiċċju Ewropew tal-IPPC ipproduċa 34 BREF, ħafna minnhom diġà ġew rieżaminati u aġġornati. Kull BREF huwa l-eżitu ta' ġbir u skambju ta' informazzjoni pluriennali fi ħdan gruppi ta' ħidma tekniċi settorjali *ad hoc* ta' aktar minn 100 espert kull wieħed. Il-kapitoli/It-taqsimiet tal-metodi tekniċi emerġenti jiffurmaw parti minn kull dokument tal-BREF.

- Id-DĠ ENV jappoġġa lill-Uffiċċju Ewropew tal-IPPC fil-ħidma tiegħu, jiżgura li l-IED tiġi implimentata u infurzata. Huwa jħejji wkoll il-linji gwida meħtieġa, l-atti ta' implimentazzjoni u jinvolvi ruħu fi djalogi mal-Istati Membri. Seba' FTEs ikopru dawk il-kompiti.

- Fir-rigward tal-ECHA, bħalissa ma għandhiex mandat legali biex twettaq kwalunkwe komputu relatat mal-IED. Madankollu, f'dawn l-aħħar ftit snin ġiet ikkonsultata regolarment mill-EIPPCB matul ir-rieżami tal-BREFs u pprovdiet diversi inputs relatati ma' sustanzi kimiċi u approċċi ta' ġestjoni tas-sustanzi kimiċi mingħajr ma pprovdiet b'mod ċar riżorsi biex tkopri dawn il-kompiti relatati mal-BREFs. Il-kooperazzjoni bejn l-EIPPCB u l-ECHA matul il-proċess tal-BREF bdiet, bħala proġett pilota, fl-2017 għar-rieżami tal-BREF dwar it-Tessuti; l-eżitu tagħha ġie rikonoxxut bħala pożittiv ħafna. Minbarra dan, l-ECHA kienet involuta f'attivitajiet relatati mal-BREF fuq bażi *ad hoc*. L-involvement u l-appoġġ fit-tul tal-ECHA fl-iżvilupp tal-BREFs u tal-BAT huma essenzjali għall-kunsiderazzjoni olistika tas-sustanzi kimiċi fil-permessi tal-installazzjonijiet tal-IED, mill-preżenza tagħhom fil-materja prima (primarja jew sekondarja) sal-preżenza tagħhom fl-emissjonijiet mill-installazzjonijiet, kif ukoll fl-iskart u fil-prodotti sekondarji ġġenerati.

- Il-Programm ta' Verifika tat-Teknoloġija Ambjentali (ETV) bħalissa jivverifika l-prestazzjoni ta' teknoloġiji ambjentali innovattivi ta' organizzazzjonijiet industrijali ta' daqs iżgħar permezz ta' network ta' korpi ta' verifika ġestiti mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija. Sa issa, ma pparteċipatx fil-proċess ta' BREF.

- **L-aħjar għażla**

Estensjoni futura tal-kamp ta' applikazzjoni tal-IED u tal-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-dokumenti ta' BREF

- L-EIPPCB (parti mill-JRC) għandu ambjent uniku u jikkollabora ma' ħafna oqsma ta' politika. Bl-għarfien espert, esperjenza u know-how tiegħu, il-JRC huwa meqjus l-aktar xieraq biex ikopri kompiti ġodda u estiżi marbuta mal-BREFs. Iċ-Ċentru tal-

Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE) huwa tip ġdid ta' attività li se ttiprovdi valur miżjud billi tiġbor flimkien informazzjoni minn ħafna inizjattivi tal-UE dwar l-innovazzjoni. Se jkun ukoll punt ta' laqgħa għal politiki differenti li jippermettu l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet għal sinerġiji akbar. Il-bini tal-INCITE fi ħdan il-JRC se jibbenefika minn titjib fl-effiċjenza u minn sinerġiji offruti mill-prossimità tiegħu mal-EIPPCB, u mill-involvement tiegħu fil-BREFs u relazzjonijiet stabbiliti sew mal-industrija. Barra minn hekk, il-proposta għar-reviżjoni tal-IED tinkorpora l-kunċett ta' metodi tekniċi emerġenti u l-livelli ta' emissjonijiet u ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati tagħhom b'implikazzjonijiet legali relatati. Dan iwassal għal tħassib dwar il-kunfidenzjalità u s-sensittività tad-*data*. Il-JRC għandu l-esperjenza biex jittrattaha. Jistgħu jiġu esternalizzati xi kompiti segretarjali sempliċi u li jieħdu ħafna ħin (iż-żamma tal-bażi tad-*data* aġġornata tal-partijiet ikkonċernati, il-monitoraġġ tal-privattivi/il-bażijiet tad-*data* tal-Orizzont Ewropa/Fondi għall-Innovazzjoni, il-kompiti relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat, il-pubblikazzjonijiet).

Kamp ta' applikazzjoni estiż futur tad-dokumenti ta' BREF (sustanzi kimiċi)

- Filwaqt li jibni fuq il-kooperazzjoni b'suċċess fuq il-BREF dwar it-tessuti, l-għarfien espert tal-ECHA jagħmilha l-aktar mgħammra biex tipproċessa l-kompiti relatati mas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi. Ir-rwol tal-ECHA jkun li tiżgura li:

- Issir identifikazzjoni xierqa (u jekk ikun meħtieġ għażla) tas-sustanzi rilevanti għal kull settur/BREF. Dan se jinkludi karatterizzazzjoni tal-użi ta' dawk is-sustanzi skont is-setturi koperti mill-BREFs inkluża d-definizzjoni tal-aħjar prattiki biex jintużaw l-aktar alternattivi sikuri fis-suq. Dan se jtejjeb iċ-ċarezza u l-konsistenza tad-diversi leġiżlazzjonijiet (IED, REACH, CLP)

- It-terminoloġija korretta tintuża fil-proċessi tal-BREF (eż. sustanza, kimika għall-ipproċessar, materja prima)

- Il-BATs relatati mas-sustanzi kimiċi (bħall-metodi tekniċi ta' sostituzzjoni) huma teknikament sodi

- Id-dokumenti ta' sfond, għal-Laqgħa tal-Bidu u għal-laqgħa finali, abbozzati mill-EIPPCB huma rilevanti fir-rigward tal-kwistjoni tas-sustanzi kimiċi

- Tingħata assistenza lill-EIPPCB biex jaċċessa l-informazzjoni fuq il-bażi tad-*data* tal-ECHA

- Tingħata assistenza biex jitwieġbu mistoqsijiet jew kummenti tal-partijiet ikkonċernati fejn ikun meħtieġ għarfien espert dwar is-sustanzi kimiċi

- Dan l-approċċ integrat jippermetti li jiġu indirizzati żewġ aspetti tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà: 1) Il-promozzjoni ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli skont id-disinn u 2) Il-mixja lejn tniġġis kimiku żero fl-ambjent. B'risultat ta' dan, il-Kummissjoni se tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali tippromwovi l-użu ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri mill-industrija fl-UE billi tirrikjedi valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-post u billi tillimita l-użu ta' sustanzi ta' tħassib għoli ħafna.

- Bħalissa l-ebda korp ieħor tal-UE ma huwa kapaċi jittratta l-komplessità ta' tali kompitu. Il-bażi tad-*data* unika dwar is-sustanzi kimiċi miżmuma mill-ECHA assoċjata

mal-għarfien espert tal-aġenzija fil-mining u fl-estrazzjoni tal-informazzjoni minnha tagħmel lill-ECHA mgħammra l-aħjar biex tipprovdi l-input meħtieġ għall-proċess ta' abbozzar/rieżami tal-BREF f'termini ta' informazzjoni relatata mas-sustanzi. Barra minn hekk, l-aġenzija żviluppat għarfien espert u għarfien estensiv dwar kif tipprovdi gwida teknika u xjentifika lill-industrija dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju ta' sustanzi kimiċi. Dan iqiegħed lill-ECHA f'pożizzjoni unika biex tipprovdi lill-operaturi tal-installazzjoni tal-IED bi gwida dwar kif għandu jiġi strutturat u ġestit inventarju kimiku bil-ħsieb li titwettaq valutazzjoni tar-riskju fil-livell tas-sit filwaqt li jiġu applikati t-tagħlimiet fuq is-suġġetti ta' REACH/IED biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tar-REACH u l-IED.

• **Għażliet investigati għall-INCITE:**

- *Jiġu konklużi akkwisti pubbliċi mal-konsulenti:* Għalkemm din is-soluzzjoni għandha vantaġġi f'termini ta' flessibilità, ma teliminax mill-Kummissjoni Ewropea l-piż li tinvolvi ruħha fil-ħidma analitika u superviżorja. Il-Kummissjoni teħtieġ impenn fit-tul għall-INCITE sabiex tipproduċi eżiti vijabbli u robusti. Dan huwa relatat mal-fatt li t-trasformazzjoni industrijali meħtieġa li l-IED riveduta għandha l-għan li tappoġġa se ddum għaddejja aktar minn għaxar snin minħabba l-kumplessità u l-evoluzzjoni tal-investimenti tagħha. Barra minn hekk, xi informazzjoni li għandha tinġabar permezz tal-INCITE se tkun sensitiva għan-negozju u s-suċċess tagħha jiddependi fuq il-kapaċità tiegħu li jitratta tali informazzjoni. Billi tafda l-ħidma tal-ġbir u l-analiżi tad-*data* dwar il-metodi tekniċi emerġenti f'idejn konsulent, il-Kummissjoni tkun f'sitwazzjoni delikata fir-rigward taż-żewġ kwistjonijiet kruċjali msemmija hawn fuq, peress li la l-involviment fit-tul u lanqas l-aċċettazzjoni mill-partijiet ikkonċernati ma jkunu garantiti.

- *L-ETV – (fi ħdan l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, EIT)* għandha l-kapaċità li tamministra proċess ta' verifika, madankollu, esperjenza limitata fil-monitoraġġ u t-tnaqqis tat-tniġġis, u proċessi ta' produzzjoni aktar nodfa; l-ETV tiddependi fuq il-kompetenzi tal-korpi ta' verifika, u l-Kummissjoni għandha mezzi limitati biex tiggwida tali ħidma. Evalwazzjoni riċenti tal-ETV uriet li l-adozzjoni tal-iskema hija limitata u għalhekk is-sistema għadha ma bnietx rikonoxximent wiesa' fis-setturi industrijali kollha, li huwa essenzjali għas-suċċess tal-proċess tal-BREF. Minħabba d-disinn tal-governanza tal-ETV (diversi korpi ta' verifika) jista' jkun ikkumplikat li tiġi stabbilita proċedura fissa jew approċċ ta' komunikazzjoni strutturata li jiffaċilita t-trasferiment tal-informazzjoni bejn l-ETV tal-UE u l-BREF TGW u li tiġi żgurata l-kwalità tagħha.

- *L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)* – hija speċjalizzata ħafna fl-ġhoti ta' informazzjoni soda u indipendenti dwar l-ambjent (inklużi l-kostijiet tat-tniġġis) u l-għarfien tagħha dwar it-teknoloġiji u l-proċessi industrijali jeħtieġ li jitwessa' u se jieħu ż-żmien. Dan ikun kompitu ta' natura differenti minn daww stabbiliti fir-Regolament tal-EEA.

- *Id-DG ENV* – se jkollu jibni l-kapaċità u jinvolvi appoġġ estern biex ilaħħaq mal-kumplessità tal-kompitu. Dan tal-aħħar iġib sfidi simili kif deskritt fl-ewwel inċiż.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

- **durata limitata**

- fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

- **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' inizjalizzazzjoni mill-2024, segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i⁸³

- **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

- **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

- **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

- lill-korpi tal-liġi pubblika;

- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

⁸³ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

- *Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

- L-inizjattiva tinvolti l-akkwist, l-arranġament amministrattiv mal-JRC, iż-żieda tal-kontribuzzjoni lill-ECHA u l-impatt fuq il-COM HR. Japplikaw regoli standard għal din it-tip ta' nefqa.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

- N/A – ara hawn fuq

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

- N/A – ara hawn fuq

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

- N/A – ara hawn fuq

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

- *Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

- N/A – ara hawn fuq

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

- Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni
-----------------------	-----------------	---------------	----------------

finanzjarju pluriennali	Numru	Diff./Mhux diff ⁸⁴ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁸⁵	mill-pajjiżi kandidati ⁸⁶	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	09.10.01 – L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	Diff.	IVA	LE	LE	LE
3	09.02.02 – Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	Diff.	IVA	LE	LE	LE
7	20.01.02.01 – Rimunerazzjoni u gratifiki (persunal statutorju)	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 01 01 - Persunal bil-kuntratt	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

⁸⁴ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

⁸⁵ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁸⁶ Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 3 – Riżorsi naturali u ambjent
--	-------	--

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

DĠ: ENV			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027 u lil hinn	TOTAL
• Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja 09 02 02 Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	Impenji	(1a)	0.645	0.645	0.445	0.445	2.180
	Pagamenti	(2 a)	0.645	0.645	0.445	0.445	2.180
Linja baġitarja 09 02 02 Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja - arranġament amministrattiv mal-JRC	Impenji	(1b)	1.424	1.470	1.567	1.618	6.079
	Pagamenti	(2b)	1.424	1.470	1.567	1.618	6.079
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁸⁷							
Linja baġitarja		(3)					
TOTAL tal-approprjazzjonijiet	Impenji	=1a+1b	2.069	2.115	2.012	2.063	8.259

⁸⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

għad-DĠ ENV		+3					
	Pagamenti	=2a+2b					8.259
		+3	2.069	2.115	2.012	2.063	

Il-kostijiet tad-DĠ ENV jirriżultaw mill-ħtiġijiet tal-akkwist biex jiġu ffinanzjati analiżijiet ta' appoġġ għal BREFs ġodda u għal reviżjonijiet tal-BREFs, biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-atti ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 15.4 – akkwist għal metodoloġija biex jiġu applikati derogi, l-Artikolu 14.1 – akkwist għal regoli komuni biex tiġi vvalutata l-konformità, l-Artikolu 27d – pjanijiet ta' trasformazzjoni), biex jiġu mmonitorjati u appoġġati l-implimentazzjoni u l-konformità (l-Artikolu 27a – biex jitqiesu/jiġu analizzati r-riżultati u l-Artikolu 73 – ir-rapport dwar is-sinerġiji mal-ETS);

id-DĠ ENV se jħallas ukoll il-kostijiet tal-Arranġament Amministrattiv (AA) li għandu jiġi ffirmat mal-JRC. Dan l-AA se jippermetti l-istabbiliment u l-funzjonament effiċjenti taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE) u l-estensjoni tal-attivitajiet tal-EIPPCB (speċjalment it-tfassil ta' BREFs ġodda), li se jwasslu għal miżuri ta' implimentazzjoni mressqa fil-proposta tal-IED. Dawk il-kostijiet se jkopru 10 FTE ġodda (10 persunal bil-kuntratt – GF IV bil-kost ta' EUR 5,079 miljun) li għandhom jiġu impjegati mill-JRC (il-kostijiet tal-persunal iqisu l-kostijiet ġenerali tal-JRC) – dan il-persunal se jkopri kompiti ġodda li jirriżultaw mir-reviżjoni tal-IED u b'mod partikolari dawk marbuta mal-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-IED, kamp ta' applikazzjoni usa' tal-BREFs, filwaqt li jiżgura l-funzjonalità tal-INCITE (għbir tad-*data*, analiżi, tmexxija tas-Segretarjat, pubblikazzjonijiet, eċċ.).

L-AA se jinkludi wkoll krediti speċifiċi biex ikopru l-kostijiet li jirriżultaw minn pereżempju l-organizzazzjoni ta' laqgħat formali tal-partijiet ikkonċernati u workshops matul il-ħidma għat-tfassil tal-BREFs għas-setturi l-ġodda (stmati għal EUR 0,200 miljun bejn l-2024 u l-2027), ħtiġijiet tal-akkwist għall-analiżi tad-*data* waqt it-tnejn tal-BREFs u r-rapporti dwar il-metodi tekniċi emerġenti (EUR 0,400 miljun bejn l-2024 u l-2027) u l-akkwist ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw liċ-Ċentru tal-Innovazzjoni l-ġdid għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE) – stmati għal EUR 0,400 miljun fil-perjodu analizzat.

Aġenzija: ECHA			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
Titolu 1: Nefaa fuq il-persunal	Impenji	(1a)	0.570	0.581	0.593	0.605	2.349

	Pagamenti	(2 a)	0.570	0.581	0.593	0.605	2.349
Titolu 2: Infrastruttura	Impenji	(1a)	0,050	0,050	0,050	0,050	0.200
	Pagamenti	(2 a)	0,050	0,050	0,050	0,050	0.200
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(1b)					
	Pagamenti	(2b)					
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għall-ECHA	Impenji	=1a+1b +3	0.620	0.631	0.643	0.655	2.549
	Pagamenti	=2a+2b +3	0.620	0.631	0.643	0.655	2.549

Il-kostijiet tal-ECHA jinkludu l-kost ta' 3 FTEs ġodda, li

- se jagħmlu l-estrazzjoni tad-*data* tal-bażijiet tad-*data* tal-ECHA u li se jiġġeneraw lista ta' sustanzi perikolużi li potenzjalment jintużaw fis-setturi tal-BREF; se jisiltu l-informazzjoni relatata mas-sustanzi (status regolatorju, klassifikazzjoni, identità tas-sustanzi), jikkarakterizzaw l-użi ta' dawk is-sustanzi skont is-setturi koperti mill-BREFs inkluża d-definizzjoni tal-aħjar prattiki biex jintużaw l-aktar alternattivi sikuri fis-suq, u jipprovdu appoġġ tekniku għar-reviżjonijiet tal-BREF (laqgħat tat-TWG, rieżami, inputs tekniċi oħra) – 2 FTEs
- Jiżviluppaw prinċipji ta' gwida għas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi li jiffukaw fuq l-istruttura tad-*data* għal inventarju tas-siti tas-sustanzi kimiċi (sustanzi u taħlitiet) assoċjat ma' żvilupp ulterjuri ta' metodoloġija ta' valutazzjoni tar-riskju fil-livell tas-sit u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' prinċipji ta' gwida dwar kif għandha titwettaq valutazzjoni tar-riskju komparattiva bejn is-sustanzi li operatur juża għall-proċessi/prodotti tiegħu u għall-alternattivi potenzjali - 1 FTE

Iż-żieda meħtieġa tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-ECHA se tiġi kkompensata minn tnaqqis korrispondenti fil-pakkett tal-programm LIFE (linja baġitarja 09.0202 - *Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja*).

			2024	2025	2026	2027	Total
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	2.689	2.746	2.655	2.718	10.808
	Pagamenti	(5)	2.689	2.746	2.655	2.718	10.808
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont I-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6					10.808
	Pagamenti	=5+ 6	1.777	1.777	1.577	1.577	10.808

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 7 – Amministrazzjoni Pubblika Ewropea
--	-------	---

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
DĠ: ENV						
• Riżorsi umani		0.560	0.560	0.560	0.560	2.240
TOTAL TAD-DĠ ENV	Appropriazzjonijiet	0.560	0.560	0.560	0.560	2.240
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji		0.560	0.560	0.560	0.560	2.240
	Pagamenti		0.560	0.560	0.560	0.560	2.240

Il-persunal addizzjonali tad-DĠ ENV (3 AD, 1 CA) se:

- Jħejji u jwassal għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni ġodda tal-Kummissjoni.
- Jsostni djalogu mal-Istati Membri u mal-JRC-EIPPCB.
- Jħejji u jimplementa regoli dwar l-istabbiliment, il-prerogattivi u l-funzjonament tal-INCITE u jikkontribwixxi għall-ħidma tiegħu.
- Jipprovdi l-kontribut meħtieġ lill-JRC u lill-ECHA meta jintalab u fir-rigward tal-iżviluppi politiċi u leġislattivi kontinwi
- Jidentifika u jiżviluppa sinerġiji mal-ETS sabiex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tal-installazzjonijiet agroindustrijali u jiġi abbozzat rapport dwar l-eżiti.
- Janalizza kull sena d-*data* miġbura biex:
 - Jiżgura li jintlaħqu l-oġettivi tal-politika (implimentazzjoni, infurzar)
 - Jidentifika t-titjib potenzjali għall-ġestjoni tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-emissjonijiet industrijali
- Iwettaq kompiti li għaddejjin relatati mal-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-IED u tal-BREFs, inkluż l-attenzenza għal-laqqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma Tekniċi f' Sevilla, l-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u servizzi rilevanti oħra tal-Kummissjoni, u jappoġġa lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-konformità mar-reġim il-ġdid tal-IED.

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali -

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		Sena 2027		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	↓	Tip ⁸⁸	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁸⁹ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

⁸⁸ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁸⁹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..."

3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi tal-ECHA

Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
--	------------------	------------------	------------------	------------------	--------------

Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)	0.570	0.581	0.593	0.605	2.349
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)	0	0	0	0	0
Aġenti kuntrattwali	0	0	0	0	0
Esperti Nazzjonali Sekondati	0	0	0	0	0

TOTAL	0.570	0.581	0.593	0.605	2.349
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
--	------------------	------------------	------------------	------------------	--------------

Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)	3	3	3	3	3/sena
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)	0	0	0	0	0
Aġenti kuntrattwali	0	0	0	0	0
Esperti Nazzjonali Sekondati	0	0	0	0	0

TOTAL	3	3	3	3	3/sena
--------------	----------	----------	----------	----------	---------------

Persunal addizzjonali tal-ECHA se jappoġġa l-implimentazzjoni tas-Sistemi ta' Ġestjoni Ambjentali. B'mod partikolari, se jiżviluppa prinċipji ta' gwida għas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi, se jiżgura l-identifikazzjoni u l-għażla tas-sustanzi rilevanti għal kull settur/BREF, l-iżvilupp ta' prattiki tajbin speċifiċi għas-settur għall-użu tas-sustanzi l-aktar sikuri fis-suq, imbagħad, l-applikazzjoni ta' terminoloġija korretta fil-proċessi tal-BREF (eż. sustanza, proċess kimiku, u materja prima). Se jkun qed jara r-robustezza ġenerali tal-BATs relatati mas-sustanzi kimiċi (pereżempju f'termini ta' metodi tekniċi ta' sostituzzjoni), iħejji d-dokumenti ta' sfond, għal-Laqgħat tal-Bidu tal-BREF u għal-laqgħa finali, abbozzati mill-EIPPCB li huma rilevanti fir-rigward tal-ħruġ tas-sustanzi kimiċi. Fl-aħħar nett, se jassisti lill-EIPPCB fl-aċċess ta' informazzjoni fuq il-bażi tad-*data* tal-ECHA u fir-rigward ta' mistoqsijiet jew kummenti tal-partijiet ikkonċernati fejn ikun meħtieġ għarfien expert dwar is-sustanzi kimiċi.

Intuża koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' 118,6 (koeffiċjenti għall-kost tal-għajxien fil-Finlandja), kif ukoll żieda inflazzjonarja ta' 2 %.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani fil-Kummissjoni

Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027 u lil hinn
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)				
• DG ENV - 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	3	3	3	3
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)⁹⁰				
• DG ENV 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")	1	1	1	1
• TOTAL	4	4	4	4

L-approprijazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprijazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

• Il-proposta/l-inizjattiva:

tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

⁹⁰ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

- Il-pakkett LIFE se jintuża biex ikopri n-nefqa mġarrba mid-DĠ ENV u biex jikkumpensa għaż-żieda tas-sussidju tal-ECHA.

teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.